# FIL-PRIM AWLA TAL-QORTI ĊIVILI
# SEDE KOSTITUZZJONALI

## ONOR. IMĦALLEF
## IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

**Illum it-Tnejn, 29 ta' Mejju, 2023**

**Kawża Nru. 2**

**Rik. Nru. 4/2020 ISB**

**Ahmad Aziz**

**vs**

**Kap Eżekuttiv fi ħdan l-Aġenzija Identity Malta u l-Avukat Ġenerali u b'digriet tad-19 ta' Jannar 2022 il-kliem l-Avukat Ġenerali ġie sostitwit bil-kliem l-Avukat tal-Istat**

**Il-Qorti,**

Rat ir-**Rikors** ta' **Ahmad Aziz**, intavolat fit-3 ta' Jannar 2020, li permezz tiegħu, talab lil din il-Qorti sabiex:

*i. Tiddikjara illi l-esponenti kellu u għandu d-dritt tiegħu għar-rispett għall-ħajja privata u familjari tiegħu miksur mill-intimat responabbli minn Identity Malta, bi ksur tad-drittijiet sanċiti taħt il-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*ii. Tiddikjara illi l-esponenti qed jiġi proċessat kriminalment b'akkużi li diġa' ġew determinati u deċiżi definittivament minn Qorti kompetenti, bi ksur tal-Kostituzzjoni ta' Malta;*

*iii. Tiddikjara li l-esponenti mhux qed jiġi mogħti smiegħ xieraq, bi ksur tal-Kostituzzjoni ta' Malta u d-drittijiet sanċiti taħt Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*iv. Tiddikjara lill-intimati fuq indikati jew min minnhom responsabbli għal dawn in-nuqqasijiet sofferti mir-rikorrenti;*

*v. Tagħti dawk l-Ordnijiet, direttivi u rimedji effettiv u xierqa lill-esponent, u jekk ikun il-każ tordma lill-intimati iħallsu lir-rikorrenti kumpens xieraq.*

U dan wara illi ppremetta:

1. *Illi l-lanzjana tar-Rikorrent fir-rigward tal-Kap Eżekuttiv fi ħdan l-Aġenzija Identity Malta hija li l-intimat mhux jirrispetta d-dritt tiegħu għall-ħajja familjari kif sanċit minn Artikolu 8 tal-Ewwel Skeda tal-Konvenzjoni Ewropea fuq id-Drittijiet tal-Bniedem (Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali), metri l-lanzjana tar-Rikorrent fir-rigward tal-Avukat Ġenerali tikkonċerna nuqas ta' smiegħ xieraq kif sanċit fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni, kif ukoll skond l-Artikolu 6 tal-Ewwel Skeda tal-Konvenzjoni tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem (Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta).*

2. *Illi l-fatti fil-qosor huma dawn li ġejjien:*

   *(i) Illi Ahmad Aziz twieled Malta fl-1 ta'Novembru 1983 meta ommu, ta' nazzjonalita' Kanadiża, kienet għal btala twila f'Malta ma ħabibtha Lucy McDonald. Wara li twieled, ommu ħaditu l-Pakistan in kwantu missier ir-Rikorrenti kien Pakistani. Fil-Pakistan ir-Rikorrent ġie reġistrat li huwa Malti. Naturalment ir-Rikorrent jaf b'dan minn dak li infurmatu ommu.*

   *(ii) Illi fl-2007, ir-Rikorrent talab lill-awtoritajiet Maltin kopja taċ-ċertifikat tat-twelid tiegħu, iżda ġie infurmat li ma kienx hemm 'records' li juru li huwa twieled Malta. Għalhekk huwa inkariga lill-Avukat Dottor Joseph Pace, li tah ukoll prokura, biex jara x'inhu neċessarju sabiex ikun jista' jinħariġlu ċ-ċertifikat tat-twelid tiegħu.*

   *(iii) Illi wara xi żmien huwa ingħata passaport Malti u karta tal-identita' Maltija. Sadanittant huwa kien ġia' kellu żewġt itfal, Maham Ahmad (imwielda fil-1 ta' Novembru 2005 –* ***Dok A****) u Ali Ahmad (imwieled 14 ta' Marzu 2010 –* ***Dok B****), minn partner Pakistana li jisimha Waheeda Shaukat. Sussegwentement huwa żżuwweġ lill-imsemmija partner –* ***Dok C****. Huwa ġie Mata u ġie appuntat Konsulent Estern u Rappreżentant Kummerċjali għal Malta –* ***Dokument D u E****.*

   *(iv) Illi fl-2018 ir-Rikorrent applika mal-Aġenzija Identity Malta sabiex uliedu jiġu rikonoxxuti bħala Malta u jinħarġulhom id-dokumenti relattivi għalihom, u sabiex martu tingħata l-'freedom of movement' f'Malta skond l-Att Dwar iċ-Ċittadinanza. L-ipproċessar ta' tali applikazzjonijiet qatt ma ġie konkjuż, tal-inqas sa fejn huwa infurmat*

*ir-Rikorrent, u għalhekk l-istess martu u uliedu għadhom ma jistgħux jiġu jgawdu l-liberta' tal-moviment ġewwa Malta.*

*(v) Illi l-awtoritajiet Maltin qabdu mar-Rikorrent tant li talbu lill-Awtoritajiet Pakistani biex jipproċedu kontrih b'akkużi ta' qerq u misrappreżentazzjoni għall-fatt li huwa mhux vera kien rappreżentant ta' Malta fil-Pakistan. L-awtoritajiet Pakistani fetħu każ kriminali kontrih fil-Qorti ta' Lahore, il-Pakistan, skond l-allegazzjonijiet magħmula mill-awtoritajiet Maltin; u wara li l-każ baqa' pendenti żmien, ir-Rikorrent ħtieġlu jipproċedi kontra l-istat tal-Pakistan, fejn il-Qorti ta' Lahore, Pakistan ikkonkludiet li anqas biss hemm bażi fuq xiex jitkompla l-każ, u lliberatu minn kull akkuża u ħallitu mill-kondizzjonijiet tal-bail li bihom kien marbut tul il-każ kriminali – **Dokument F**.*

*(vi) Illi l-awtoritajiet Maltin imbgħad fetħulu l-każ ta' qerq u misrappreżentazzjoni mill-ġdid ġewwa Malta, każ li jinsab pendenti quddiem il-Maġistrat Onor. Dr Donatella Frendo – każ fl-ismijiet The Police (Inspectors Anna Marie Xuereb and Omar Zammit) vs Ahmad Aziz – **Dok G**.*

*(vii) Illi apparti l-fatt li dan il-każ kriminali għalhekk jikser il-prinċipju tal-freedon from double jeopardy, huwa ukoll milqut bil-preskrizzjoni, u xorta qiegħed ikarkar għaliex il-Prosekuzzjoni qed tistenna informazzjoni mill-Awtoritajiet Amerikani, liema informazzjoni ilha biex tasal aktar minn sena, u minħabba f'hekk il-prosekuzzjoni m'għalqitx il-każ tagħha.*

3. *Illi in kwantu jirrigwarda l-Kap Eżekuttiv ta' Identity Malta, it-tkarkir għal biex jiġu pproċessati l-applikazzjonijiet għall biex ulied ir-Rikorrent jingħataw formalment l-istatus ta' Maltin billi jinħarġulhom id-dokumenti relattivi, u għal biex martu tingħata l-'freedom of movement' f'Malta, jikkostitwixxi ksur tad-Dritt tiegħu li l-istat jirrispettalu l-ħajja privata tiegħu u l-familja tiegħu, hekk kif enunċjat fl-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem.*

4. *Illi di piu l-istess Kap Eżekuttiv ta' Identity Malta baqa' ma ffinalizzax ukoll il-proċess fuq it-talba tar-Rikorrent sabiex jirreġistra ż-żwieġ tiegħu lil Waheeda Shaukat fir-Reġistru taż-Żwiġijiet hawn Malta, b'dan ir-rikorrent baqa' reazzjoni, bla tweġiba u bla konferma tar-reġistrazzjoni f'Malta tal-istess żwieġ tiegħu li seħħ fil-Pakistan.*

5. *Illi d-dewmien fl-iproċessar tal-imsemmija applikazzjonijiet huwa fih innifsu intralċ fuq tgawdija tad-drittijiet tar-Rikorrent taħt l-imsemmi Artikolu 8, u qed jikkawża danni morali kemm lir-Rikorrent innifsu kif ukoll lill-familjari tiegħu.*

6. *Illi in kwantu jirrigwarda l-Avukat Ġenerali, fl-ewwel lok ir-Rikorrent ma kellu qatt jerġa' jiġi akkużat b'fatti li diġa huwa kien tressaq fuqhom fil-Qorti Kompetenti tal-Pakistan – ħaġa li mhux biss tikser il-liġi, senjatament l-Artikolu 527 tal-Kodiċi Kriminali (meta persuna tiġi akkużat fuq "l-istess fatt") imma tikser ukoll il-liġi Kostituzzjonali senjatament l-Artikolu 39 subinċiż (9). L-uffiċjali investigattiv fi ħdan il-Pulizija ta' Malra, li huwa ukoll uffiċjsl prosekutur fil-każ kriminali pendenti, ġie infurmat mill-ewwel li huwa ġia' ġie proċessat fuq l-istess ħaġa ġewwa l-Pakistan, u li ġie liberat, però l-uffiċjali investigattivi xorta pproċedew billi ħarġulu l-akkużi relattivi.*

7. *Illi di piu', dan il-każ kriminali mhux jinstema fi żmien raġonevoli; anzi minkejja li l-eċċezzjonijiet legali (tal-preskrizzjoni u tar-res judicata) kellhom jagħtu lok biex il-każ jingħalaq f'qasir żmien, il-każ ittawwal inutilment. Mhux konsentit li proċeduri f'Malta jibqgħu imdendlin jistennew il-kumdita' ta' stat ieħor li jibgħat l-informazzjoni mitluba. Wara kollox il-promulgazzjoni tal-Artikolu 401 tal-Kodiċi Kriminali kienet intiża li tillilibera persuni akkużati milli jibqgħu fil-limbu ta' proċeduri kriminali għal żmien xieraq huwa protett bl-Artikolu 6 tal-Ewwel Skeda tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta, mentri x'jikkostitwixxi "żmien xieraq" huwa fattur li jiġi determinat miċ-ċirkostanzi partikolari ta' kull każ.*

Rat id-**dokumenti** ppreżentati mar-rikors (fol 5 sa fol 22);

Rat id-digriet tagħha, kif diversament preseduta, tad-9 ta' Jannar 2020 li permezz tiegħu il-kawża ġiet appuntata għat-13 ta' Frar 2020 fid-9:00 a.m.;

Rat ir-**risposta** tal-**Kap Eżekuttiv fi ħdan l-Aġenzija Identity Malta** u tal-**Avukat tal-Istat** intavolata fit-30 ta' Jannar 2020 (fol 28) li permezz tagħha eċċepixxew:

*Illi l-lanjanza tar-rikorrent fil-konfront tal-Kap Eżekuttiv fi ħdan l-Aġenzija Identity Malta hija fis-sens illi dan qiegħed jilledilu d-dritt tiegħu għall-ħajja familjari kif sanċit mill-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u dan peress illi għadu ma pproċessax applikazzjonijiet sabiex uliedu jiġu rikonoxxuti bħala Maltin u jinħarġulhom id-dokumenti relattivi, sabiex iż-żwieġ tiegħu jiġi reġistrat u sabiex martu tingħata l-freedom of movement skont l-Att dwar iċ-Ċittadinanza.*

*Il-lanjanza tar-rikorrent fil-konfront tal-Avukat tal-Istat hija fis-sens illi fil-proċeduri kriminali pendenti fil-konfront tiegħu qiegħed jiġi leż id-dritt tiegħu għal smigħ xieraq kif sanċit bl-artikolu 39 tal-Kostiuzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u dan peress illi dawn il-proċeduri qegħdin jiksru il-prinċipju tal-freedom of double jeopardy, huma preskritti u l-każ mhuwiex qiegħed jinstema' fi żmien raġonevoli.*

1. *Illi l-esponenti jirrespinġu l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet kollha tar-rikorrent bħala nfondati fil-fatt u fid-dritt;*

2. *Illi ma jirriżulta ebda ksur tal-artikolu 6 u 8 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u lanqas ma jirriżulta xi ksur tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;*

3. *Illi fir-rigward tal-aġir tal-esponent Kap Eżekuttiv fi ħdan l-Aġenzija Identity Malta l-esponenti jirrelevaw illi r-raġuni għaliex għadhom ma ġewx konklużi l-proċessi li dwarhom qed jilmenta r-rikorrent hija minħabba l-fatt illi wara investigazzjoni li saret mill-Pulizija jirriżulta illi r-rikorrent ottjena ċertifikat tat-twelid Malti fuq informazzjoni u dokumentazzjoni li hija falza. In vista ta' dan ġew istitwiti proċeduri ġudizzjarji ċivili mid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku kontra r-rikorrent senjatament il-kawża ċivili fl-ismijiet* ***Direttur tar-Reġistru Pubbliku vs Ahmad Aziz***[1] *u dan sabiex il-Qorti:*

[1] Rikors Puramentat Numru 421/2018 TA.

*a) Tiddikjara li l-intimat għamel dikjarazzjoni falza dwar il-partikolaritajiet meħtieġa sabiex ikun jista' jsir l-Att tat-Twelid Malti;*

*b) Konsegwentement tiddikjara illi l-Att tat-Twelid bin-Numru Progressiv 3925 tas-sena 2007 jinkludi informazzjoni skorretta u inveritiera, stante li Ahmad Aziz iddikjara falz l-istess informazzjoni indikata fl-Att tat-Twelid imsemmi; u*

*c) Tordna li l-Att tat-Twelid bin-Numru Progressiv 3925 tas-sena 2007 jiġi mħassar mir-Reġistru tal-Atti tat-Twelid fi ħdan id-Dipartiment tar-Reġistru Pubbliku*

*Minbarra l-proċeduri ċivili ġew istitwiti wkoll proċeduri kriminali fil-konfront tar-rikorrent fejn qiegħed jiġi akkużat fost 'loħrajn b'akkużi ta' falsifikazzjoni ta' dokumenti;*

*4. Illi f'dawn iċ-ċirkostanzi, ċertament illi qabel ma jiġu konklużi l-proċeduri ġudizzjarji, speċjalment il-proċeduri ċivili fejn propju qiegħed jiġi attakkat l-att li abbażi tiegħu jistgħu isiru r-reġistrazzjonijiet tal-familjari tar-rikorrent, l-esponent mhuwiex f'pożizzjoni illi jagħmel ir-reġistrazzjonijiet msemmija u ċertament illi ma jistax jingħad illi l-esponent Kap tal-Aġenzija Identity Malta qiegħed jaġixxi b'kapriċċ jew b'xi manjiera illi tammonta għall-leżjoni tal-ħajja familjari tar-rikorrent;*

*5. Illi s-sitwazzjoni li fiha jinsab ir-rikorrent hija biss frott tal-aġir tiegħu;*

*6. Illi fir-rigward ta' l-allegazzjonijiet fil-konfront tal-Avukat tal-Istat vis-a-vis l-proċeduri kriminali pendenti kontra r-rikorrent l-esponent jissottometti illi ma jirriżulta ebda każ ta' double jeopardy;*

*7. Illi lanqas ma jirriżulta illi hemm xi dewmien inġustifikat fil-proċeduri kriminali imsemmija;*

*8. Illi fir-rigward tal-allegazzjoni illi l-proċeduri kriminali huma preskritti, l-esponenti jissottomettu illi din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex tidħol fi kwistjoni ta' proċedura kriminali iżda din hija materja illi taqa' fil-kompetenza tal-Qorti ta' Ġudikatura Kriminali u jekk ikun hemm appell mis-sentenza tal-ewwel istanza, fil-kompetenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali;*

*9. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri*

Rat in-nota tar-rikorrenti **Ahmad Aziz** intavolata fid-9 ta' Ġunju 2020 (fol 35) li permezz tagħha ppreżenta numru ta' dokumenti (Dok AA1 sa Dok AA14, fol 36 sa fol 82);

Rat id-**digriet** tagħha mogħti fl-udjenza tal-14 ta' Lulju 2020, fejn il-Qorti ippermettiet illi s-seduti jiġu kondotti bil-lingwa Ingliża, il-verbali jitniżżlu bl-Ingliż, pero` illi kull att ieħor li jkun hemm bżonn isir fil-kors ta' dan il-proċediment inkluż rikors, noti u noti ta' osservazzjonijiet, għandhom isiru bil-Malti u s-sentenza għandha tingħata wkoll bil-lingwa Maltija;

Rat in-nota tar-rikorrenti **Ahmad Aziz** intavolata fit-12 ta' Awwissu 2020 (fol 85) li permezz tagħha ppreżenta affidavit tiegħu flimkien ma' numru ta' dokumenti (Dok AA15 sa Dok AA18, fol 86 sa fol 160);

Rat illi fl-udjenza tat-30 ta' Novembru 2020, xehed l-**Ispettur Omar Zammit**, prodott mill-intimati u ppreżenta CD ta' intervista tar-rikorrent (Dok OZ1, fol 111) kif ukoll dokument li jikkontjeni kopja tal-akkużi fil-konfront tal-istess rikorrent (Dok OZ2, fol 112 sa 114);

Rat illi fl-udjenza tal-4 ta' Frar 2021, l-intimati ippreżentaw nota b'dokumenti (fol 116), li jinkludu affidavit ta' **Jessica Rita Galea** - Head tas-Citizenship Unit (fol 117 sa fol 128);

Rat illi fl-udjenza tal-24 ta' Settembru 2021 l-intimati ppreżentaw nota (fol 179) b'affidavit ta' **Vincent Sladden** – Direttur tar-Reġistru Pubbliku (fol 180);

Rat illi fl-udjenza tad-19 ta' Jannar 2022, xehed in kontro-eżami **Vincent Sladden** u in vista tal-istess xhieda r-rikorrenti ppreżenta id-dokument AA1 (fol 193);

Rat illi fl-udjenza tal-21 ta' Marzu 2022 xehdu **Vincent Sladden** u **Dr Jessica Galea;**

Rat ukoll id-dikjarazzjoni tal-partijiet li m'għandhomx aktar provi x'jipproduċu;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet finali estensivi tal-partijiet;

Rat illi fl-udjenza tas-27 ta' Frar 2023, bi qbil bejn id-difensuri tal-partijiet il-kawża setgħet titħalla għal-llum għad-deċiżjoni;

**Ikkunsidrat:**

Illi r-rikorrenti **Ahmad Aziz** jikkontendi li l-lanjanza tiegħu fir-rigward tal-Kap Eżekuttiv fi ħdan l-Aġenzija Identity Malta hija li l-istess intimat mhux jirrispetta d-dritt tiegħu għall-ħajja familjari kif sanċit mill-Artikolu 8 tal-Ewwel Skeda tal-Konvenzjoni Ewropea fuq id-Drittijiet tal-Bniedem, mentri l-lanjanza tiegħu fir-rigward tal-Avukat tal-Istat tikkonċerna nuqqas ta' smiegħ xieraq kif sanċit bl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni kif ukoll l-Artikolu 6 tal-Ewwel Skeda tal-Konvenzjoni Ewropea fuq id-Drittijiet tal-Bniedem.

Jgħid li l-Kap Eżekuttiv ta' Identity Malta baqa' ma pproċessax l-applikazzjonijiet biex uliedu jingħataw formalment l-istatus ta' Maltin u martu baqgħet m'ingħatatx l-*freedom of movement* f'Malta, kif ukoll baqa' ma ffinalizzax il-proċess sabiex jirreġistra ż-żwieġ tiegħu lil martu Waheeda Shaukat fir-Reġistru taż-Żwieġijiet f'Malta. Jgħid li dan id-dewmien fl-ipproċessar huwa fih innifsu intralċ fuq tgawdija tad-drittijiet tar-Rikorrenti taħt l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea. Jsostni li f'dak li jirrigwarda l-Avukat tal-Istat, ma kellu qatt jerġa' jiġi akkużat b'fatti li diġa' kien tressaq fuqhom fil-Qorti kompetenti fil-Pakistan, u speċjalment meta l-uffiċjal prosekutur kien infurmat b'dan. Jghid illi l-każ kriminali mhux qiegħed jinstema' fi żmien raġonevoli, kif ukoll huwa preskritt bil-liġi u dan imur kontra d-drittijiet sanċiti bl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea.

Illi min-naħa tagħhom, il-**Kap Eżekuttiv fi ħdan l-Identity Malta** u l-**Avukat tal-Istat** jikkontendu li m'hemm ebda skur tad-drittijiet sanċiti mill-artikolu fuq ċitati.

Jispegaw li fir-rigward tal-applikazzjonijiet pendenti quddiem l-Identity Malta, dawn qeghdin jistennew l-eżitu tal-proċeduri ċivili fl-ismijiet **Direttur tar-Reġistru Pubbliku vs Ahmad Aziz** rigward il-validita` taċ-ċertifikat tat-twelid Malti tar-rikorrent, kif ukoll proċeduri kriminali rigward falsifikazzjoni ta' dokumenti fl-istess rigward u għalhekk ċertament li l-Identity Malta ma tistax tipproċedi bl-ebda reġistrazzjoni qabel tassigura l-validita` tad-dokument li abbażi tiegħu jistgħu jiġi pproċessati l-applikazzjonijiet l-oħra.

Jikkontendu li fir-rigward tal-proċeduri kriminali ma tirriżulta l-ebda *double jeopardy* u lanqas ma jirriżulta li hemm xi dewmien inġustifikat fl-istess proċeduri. Jgħidu li l-allegazzjoni ta' prekrizzjoni hija waħda li ma taqax fil-kompetenza ta' din il-Qorti.

### Ikkunsidrat ulterjorment

Illi mill-provi prodotti, jirriżultaw is-segwenti **fatti**:

Illi r-rikorrent ppreżenta lil din il-Qorti numru ta' dokumenti, li l-Qorti ħadet konjizzjoni tagħhom:

- Dok A – ċertifikat tat-twelid ta' Maham Ahmad, maħrug fil-Pakistan– bint ir-rikorrent u martu Waheeda Shaukat, imwieled fil-Pakistan fl-1 ta' Novembru 2005;

- Dok B – ċertifikat tat-twelid ta' Ali Admad, maħruġ fil-Pakistan– iben ir-rikorrent u martu Waheeda Shaukat, imwieled fil-Pakistan fl-14 ta' Marzu 2010;

- Dok C – ċertifikat taż-żwieġ bejn ir-rikorrent u martu Waheeda Shaukat, maħruġ fil-Pakistan, liema żwieġ seħħ fis-27 ta' Lulju 2018;

- Dok D – ittra iffirmata minn l-Avukat Tonio Borg fil-kapacita' tiegħu ta' Ministru għall-Affarijiet Barranin ta' Malta, datata 8 ta' Marzu 2012, li permezz tagħha r-rikorrent ġie appuntat *External Consultant* fi *Trade Office* fil-Pakistan;

- Dok E – ittra iffirmata minn Leslie Agius, Ambaxxatur fi ħdan il-Ministeru tal-Affarijiet Barranin ta' Malta, datata 9 t'Ottubru 2012, li permezz tagħha r-rikorrenti ġie ikkonfermat fl-appuntament tiegħu bħala *Trade Representative for Malta in Pakistan*.

- Dok F – Deċiżjoni tal-Qrati tad-Distrett ta' Lahore fil-Pakistan li permezz tagħha ġie mogħti l-bail fil-każ li jirrigwarda l-allegazzjoni li: *"he tried to obtain permanent security squads of Elites police or Ranger under Diplomatic Immunities and concession, while imposing himself as Representative of Malta, whereas Republic of Malta does not have a Trade Mission in Pakistan, hence, this case*. Kif ukoll sentenza tal-istess Qorti datata 18 ta' Awwissu 2015 fejn ir-rikorrenti ġie liberat mill-akkużi kollha;

- Dok G – Akkuża fil-konfront tar-rikorrent datata 5 ta' Mejju 2018 u ffirmata mill-Ispetturi Anna Marie Xuereb u Omar Zammit li permezz tagħha ġie akkużat b'qerq u miżrappreżentazzjoni, liema każ ghadu pendenti quddiem il-Qrati Maltin;

- Dok AA1 – Dikjarazzjoni tat-twelid ta' Admad Aziz, mahrug mill-qabla Louise McDonald, li tiddikjara t-twelid bid-data ta' l-1 ta' Novembru 1983 f'Tas-Sliema;

- Dok AA2 – Ċertifikat tat-Twelid ta' Admad Aziz imwieled fl-1 ta' Novembru 1983 f'Tas-Sliema;

- Dok AA3 – *Pakistan Origin Card* tar-rikorrent;

- Dok AA4 – Korrispondenza ma' Dr George Vella fil-vesti tiegħu ta' Ministru tal-Affarijiet Barranin datata l-1 ta' Mejju 2013;

- Dok AA5 – Traskrizzjoni tax-xhieda tal-Ispetter Omar Zammit fil-kawża pendenti quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet Direttur tar-Reġistru Pubbliku vs Aziz Ahmad (Rik 421/2018 TA), moghitja fl-14 ta' Jannar 2019;

- Dok AA6 – Korrispondenza mas-*Citizenship Unit* fi ħdan l-Identity Malta, l-aktar riċenti datata 25 ta' Marzu 2019;

- Dok AA7 – Kopja tal-kundizzjonijiet tal-Bail tar-rikorrent;

- Dok AA8 – Kopja tar-rikors ġuramentat tal-kawża pendenti quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet Direttur tar-Reġistru Pubbliku vs Aziz Ahmad (Rik 421/2018 TA);

- Dok AA9 – Kopja tal-verbali datati 21 ta' Jannar 2020, 26 ta' Novembru 2019 u 21 ta' Jannar 2020 fil-kawża pendenti quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet Direttur tar-Reġistru Pubbliku vs Aziz Ahmad (Rik 421/2018 TA);

- Dok AA10 – Kopja tal-verbal datat 13 ta' Frar 2020 fil-kawża pendenti quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet Direttur tar-Reġistru Pubbliku vs Aziz Ahmad (Rik 421/2018 TA);

- Dok AA11 – Ittra mahruga mill-Police Board datata 12 t'Awwissu 2016;

- Dok AA12 – Transcript tax-xhieda tas-Supretendent George Caruana fil-kawża pendenti quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet Direttur tar-Reġistru Pubbliku vs Aziz Ahmad (Rik 421/2018 TA), datat 11 ta' Marzu 2019;

- Dok AA13 – Interrogazzjoni ta' Ahmad Aziz datata 5 ta' Mejju 2018;

- Dok AA14 – Dikjarazzjoni ta' Ahmad Aziz maghmula waqt l-arrest datata 3 ta' Mejju 2018 fejn ir-rikorrent iddikjara li qed jirrinunzja għad-dritt li jikkonsulta avukat qabel l-interogazzjoni tiegħu;

- Dok AA15 – Rinviju tal-Avukat Ġenerali fil-kawża Kriminali tal-20 ta' Jannar 2020;

- Dok AA16 – Verbal tas-seduta fil-kawża Kriminali datat 12 ta' Frar 2020 fejn il-każ ġie differit *sine die*;

- Dok AA17 – Traskrizzjoni tax-xhieda tal-Ispettur Omar Farrugia fil-kawża kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija vs Ahmad Aziz (Ref 282/12) datat 16 ta' Mejju 2018;

- Dok AA18 – Traskrizzjoni tax-xhieda tal-Ispettur Anne Marie Xuereb fil-kawża kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija vs Ahmad Aziz (Ref 282/12) datat 14 ta' Jannar 2019;

Fl-affidavit tiegħu, ir-rikorrent **Ahmad Aziz** jgħid illi meta kien żgħir kien jgħix m'ommu f'Lahore, ġewwa l-Pakistan filwaqt illi missieru kien miet ftit jiem wara t-twelid tiegħu. Jgħid li ommu dejjem qaltlu li hu twieled f'Malta u skont il-liġi internazzjonali kellu nazzjonalita` Maltija bit-twelid. Jgħid li qatt ma kellu karta tal-identita' jew passaport Pakistana. Jispjega li meta sar adult, ommu kienet ikkuntatjat l-awtoritajiet Maltin sabiex ikun jista` jottjeni ċ-ċertifikat tat-twelid tiegħu iżda ġiet infurmata li t-twelid tiegħu qatt ma ġie reġistrat f'Malta u ntalbet tirreġistra l-istess twelid. Jgħid li minn hemm ommu kkuntatjat li Dr Joseph Pace u hu infrumaha li kien ser jieħu ħsieb jikkuntatja lili direttament. Jispjega li sa dakinhar hu ma kellu l-ebda ċittadinanza. Jispjega li Dr Joseph Pace talbu jibgħatlu prokura sabiex jaġixxi f'ismu kif ukoll kwalunkwe dokumenti relatati mat-twelid tiegħu. Jgħid li hu kien staqsa lil ommu għad-dokumenti u bagħtet lil Dr Pace kopja tad-dikjarazzjoni magħmula mill-qabla li għinitha fit-twelid, Lucy McDonald. Jispjega li ommu kienet qaltlu li Lucy McDonald kienet għaddiet din id-dikjarazzjoni lil familjarji ta' missieru bl-isem ta' Kardad li kien għaddiha lilha. Jgħid li fl-2007, Dr Pace infurmah li t-twelid tiegħu kien ġie reġistrat f'Malta u kien ġie rikonoxxut b'mod awtomatiku bħala ċittadin ta' Malta bit-twelid, skont il-liġi ta' Malta. Jgħid li dan hi l-unika ċittadinanza li qatt kellu.

Jgħid li wara l-mewt t'ommu, hu ottjena Passaport Malti u fl-2010 ġie Malta u reġa` mar il-Pakistan fejn seta` jidħol bla visa minħabba li missieru kien Pakistani. Jispjega li lejn l-aħħar tas-sena 2011 kien ingħata kuntratt ta' impjieg indefinit mal-Ministeru tal-Affarijiet Barranin bħala *envoy* għal Pakistan, Iran, UAE, Sri Lanka u l-Bangladesh.

Jispjega li fl-2014, waqt li kien fil-Pakistan, kien infurmat b'telefonata li l-impjieg tiegħu kien qed jiġi tterminat minħabba li t-twemmin Musulman tiegħu ma kienx kompatibbli max-xogħol. Jgħid li kiteb immedjatament lil Ministru ta' dak iż-żmien, Dr George Vella, u dan assigurah li kien ser jinvestiga s-sitwazzjoni u li kellu jibqa' impjegat. Jgħid li ma rċieva ebda komunikazzjoni oħra, iżda fl-2015, il-Pulizija Maltija bdiet tinvestigah u talbu lill-awtoritajiet Pakistani jipproċedu kontrih. Jgħid li ġie arrestat fil-Pakistan u kien infurmat li l-awtoritajiet Maltin kienu qed jgħidu li jien

kont falz u li ma nirrapreżentax lil Malta. Jispjega li ttiehed quddiem il-Qorti Pakistana f'Lahore u fl-2016 l-istess Qorti kienet lliberatu.

Jispjega li hu baqa` fil-Pakistan u baqa` jaġixxi bħala *envoy* għal Malta, jippromwovi r-relazzjonijiet ma' Malta. Jgħid li żżewweġ lil Waheeda Shaukut u applika sabiex hi jkollha l-*freedom of movement* f'Malta u għaċ-ċittadinanza Maltija għal uliedu Maham Ahmad u Ali Ahmad. Jgħid li l-awtoritajiet talbuh xi dokumentazzjoni iżda qatt ma ngħata deċiżjoni. Jgħid li fl-2018, ġie Malta u kompla jipprova jagħmel dak li kien neċessarju sabiex jottjeni dan. Jgħid li meta wasal Malta, huwa ġie arrestat u sospiż minn xogħol minħabba abbuż t'awtorita' u ksur tal-obbligi tiegħu. Jispjega li minkejja li ġie interrogat mill-Pulizija qatt ma ngħata l-lista tad-drittijiet tiegħu. Jgħid li *statement* minnhom kienet miktub dak il-ħin u ngħata kopja mentri l-ieħor kien irrekordjat fuq video u qatt ma ngħata kopja tal-istess.

Jgħid li qabel ma ġie interrogat kien ingħata d-dritt li jikkonsulta avukat iżda mhux li jkun assistit minnu waqt l-interrogazzjoni. Jispjega li kien qed jiġi investigat mill-ġdid fuq l-istess akkużi li kien tressaq fuqhom u ġie liberat minnhom fil-Pakistan. Jgħid li kien informa b'dan lil l-Ispettur Oman Zammit u urih dokumenti bil-lingwa Pakistana iżda dan pproċeda u żammu arrestat sakem ittiehed akkuzat quddiem il-Qorti fil-5 ta' Mejju 2018. Jgħid li dawn l-akkużi apparti milli jikkonstitwixxu ksur tal-prinċipju tad-*double jeopardy*, kienu wkoll preskritti.

Jgħid li meta tressaq quddiem il-Qorti, huwa sab li kien akkużat ukoll li ssottometta dokumenti foloz fir-rigward tat-twelid tiegħu f'Malta fl-2007, b'hekk kienu jirreferu għall-ġrajjiet li seħħu aktar minn għaxar snin qabel u għalhekk kienu wkoll preskritti. Jgħid li barra minn hekk, waqt l-interogazzjoni, qatt ma ġie mistoqsi dwar dan, bi ksur tad-dritt tiegħu għal smiegħ xieraq, mid-dritt li jkun infurmat dwar investigazzjoni fil-konfront tiegħu u d-dritt ta' *full disclosure* sabiex ikun jaf fuq xiex qed tiġi bbażata l-investigazzjoni. Jikkontendi li l-akkużi miġjuba kontrih ma jonorawx ir-rekwiżiti tal-Artikolu 360 tal-Kap 9 u dana stante li ma jispeċifikawx fejn f'Malta seħħew ir-reati. Jispjega li l-prosekutur jgħid ukoll li kien qed jirrappreżenta lil Malta wara li l-impjieg tiegħu ġie terminat. Oltre` minn hekk, jgħid li l-artikoli tal-liġi li ġew miksura mhumiex speċifikati.

Jgħid li meta tressaq quddiem il-Qorti, għal bidu ma ngħatax liberta' provvizorja u nżamm il-ħabs għal tliet xhur, imbagħad ingħata l-liberta' b'kundizzjonijiet stretti li jrid jiffirma fl-Għassa tal-Pulizija ta' Tas-Sliema darbtejn kuljum, li għadu jagħmel sa llum. Jispjega li meta kien għadu l-ħabs ġie notifikat bil-kawża ċivili 421/2018TA, fejn id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku qed jitlob li jannulla r-reġistrazzjoni tat-twelid tiegħu f'Malta, kawza li għadha pendenti. Jikkontendi li minħabba li tirrigwarda l-istess fatti tal-każ kriminali, id-dritt tiegħu għas-silenzju qed jiġi miksur.

Jgħid li filwaqt li l-kawża civili hi dipendenti fuq l-eżitu tal-kawża kriminali, id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku qed itawwal il-każ bla bżonn b'detriment għad-drittijiet tiegħu. Jelenka numru ta' seduti fejn il-kawża ġiet differita għall-provi tal-istess direttur. Jgħid li l-kawża kriminali bdiet f'Mejju 2018 u ilha għaddejja ghall-aħħar sentejn. Jispjega li hemm diversi talbiet ta' differimenti sabiex jinġiebu dokumenti minn barra minn Malta u konsegwentament ġiet differita *sine die*. Jispjega li sadanittant hu xorta għadu marbut bil-kondizzjonijiet tal-*bail* li jirrestrinġu fuq il-liberta` tiegħu, fejn fost l-oħrajn ma jistax isiefer u ilu f'dan l-istat għall-aħħar sentejn.

Jispjega li ġie informat li l-applikazzjonijiet ta' martu u ta' uliedu mhux qed jiġu pproċessati u m'għandu l-ebda informazzjoni għala ma ġewx ipproċessati.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Illi fix-xhieda tiegħu, l-**Ispettur Omar Zammit** jgħid li kien Spettur tal-Pulizija fil-*Counter Terrorism Unit*. Jispjega li l-investigazzjonijiet fil-konfront ta' Ahmad Aziz bdew madwar Lulju tas-sena 2015, meta dan bagħat email lil Prim' Ministru Joseph Muscat, lil Roberta Metsola u lil Juncker - fejn qal li ngħata d-droga fl-ikel mit-*Turkish Arlines* u ma setax jorqod u fl-istess email qal li dan kien sar biex jitwaqqaf milli jattendi laqgħat sabiex jippromwovi l-kummerċ ma' Malta fil-Pakistan. Jgħid li jiftakar li Dr Metsola kienet weġbitu u qaltlu li l-aħjar jagħmel rapport mal-Kummissarju tal-Pulizija u għalhekk ir-rikorrent fl-4 t'Awwissu 2015 bagħat email lill-Kummissarju tal-Pulizija ta' dak iż-żmien, Michael Cassar. Jispjega li bħala *Counter Terrorism Unit* mal-ewwel ivverifikaw mal-Ministeru tal-Affarijiet Barranin jekk ir-rikorrent kienx *envoy* għal Malta u s-Segretarju Permanenti Fiona Formosa kienet wieġbet li sa fejn jafu huma Ahmad Aziz kien ta' nazzjonalita Maltija u m'għandu l-ebda rappreżentanza mogħtija lilu mill-istess Ministeru. Filfatt infurmathom li l-Ministeru kien talab lir-rikorrenti sabiex ma jibqax jippreżenta lilu nnifsu b'dak il-mod. Jgħid li dak iż-żmien l-allegazzjonijiet kienu esaġerati u ma kien hemm xejn li seta' jsir iżda minn tfittxija f'sorsi pubbliċi sabu diversi ritratti tal-istess rikorrent ma' dinjitarji Maltin fejn kien qed jippreżenta ruħu bħala l-*envoy* ta' Malta fil-Pakistan.

Jgħid li f'Marzu tal-2016, wara li ntbagħtu diversi emails mir-rikorrent lil membri parlamentari Maltin u dinjitarji oħra, kien hemm deċiżjoni sabiex jattendi ġewwa l-kwartieri ġenerali tal-Pulizija. Jispjega li r-rikorrent kien wieġeb u nfurmahom li fil-preżent kien fil-Pakistan u ma setax jiġi Malta minħabba li ma kellux flus sabiex iħallas il-biljett tal-ajruplan. Fil-frattemp huwa baqa' jibgħat l-istess tipi ta' emails u jgħid li hu *trade envoy* u madwar Settembru tas-sena 2016 ġihom suspett li anke l-identita' tiegħu taf filfatt tkun falza. Minn hemm, jispjega l-Ispettur, talbu informazzjoni dwaru lir-Reġistru Pubbliku u lil Identity Malta u mid-dokumenti li rċievew bdew jissuspettaw li d-dokumenti kienu foloz.

Jispjega li wieħed mid-dokumenti kien dikjrazzjoni tat-twelid prodott mill-allegata qabla Louise McDonald. Jgħid li meta wieħed jara d-dokument, in-noti dwar it-tarbija ma jagħmlux ħafna sens. Jispjega li mad-daqqa t'għajn l-isem tat-tarbija kien jaqbel mal-firma li kellu Ahmad Aziz fuq il-prokura li kien ta lil Dr Joseph Pace meta rreġistra t-twelid f'Malta. Jispjega li nnutaw li n-Nutar John R Ewing li ttimbra d-dikjarazzjoni tat-twelid kien JR tas-serje televisiva Dallas, li kienet stabbilita minn sorsi pubbliċi. Jgħid li għamlu verifiki dwar l-indirizz tat-twelid u ċioe 125, The Strand, Sliema sabu li skont ir-Reġistru Elettorali fl-1983 dan kien okkupat minn ċertu Wilfred Borg u Angele Borg iżda meta ppruvaw jagħmlu kuntatt magħhom kellmu lil armla ta' Wilfred Borg li nfurmathom li żewġha kien miet. Jispjega li hi nfurmathom li hi kienet xehdet f'kawża kontra Ahmad Aziz li l-ebda persuna ta' nazzjonalita Pakistana jew kwalunkwe nazzjonalita oħra ma kienet qatt twieldet f'darhom.

Jgħid li in vista tal-fatt li r-rikorrent kien jinsab barra minn Malta kienu daħħlu d-dettalji tiegħu fix-*Schengen Information System* sabiex ikun arrestat jekk kemm -il

darba jirritorna Malta. Jispjega li fit-3 ta' Mejju 2018, kienu nfurmati li r-rikorrent kien ser jirritorna Malta u għalhekk tlesta Mandat t'Arrest fil-konfront tiegħu u kien arrestat fl-ajruport internazzjonali ta' Malta madwar fis-sitta (6) ta' fl-għaxija. Jgħid li fil-bidu r-rikorrent irrifjuta li jkellem avukat iżda aktar tard Dr Joseph Raymond Pace, ċempel lix-xhud u qallu biex jistaqsi lir-rikorrent jekk kienx ried ikellmu. Jispjega li probabilment il-familja tar-rikorrent, għax l-allegat kuġin u l-mara tiegħu kienu qed jistennewh fl-ajruport u għalhekk assuma li kienu huma li ċemplu lil Dr Pace u infurmawh. Jgħid li hu kien informa lir-rikorrent b'dan u r-rikorrent kien kellem lill-avukat tiegħu. Jgħid li wara li kellmu privatament, ir-rikorrent kien qal li ħassu ma jiflaħx u ttieħed fil-klinika tal-Floriana fejn kien iċċertifikat li kien f'saħħtu. Jgħid li l-għada, u ċioe fl-4 ta' Mejju 2018, ix-xhud u l-Ispettur Ann Marie Xuereb mill-*Economic Crime Unit* interrogaw lil Ahmad Aziz fil-preżenza tal-avukat tiegħu, liema interrogazzjoni ġiet irrekordjata f'video (li ġie esebit).

Jispjega li waqt l-interogazzjoni Ahmad Aziz baqa' jinsisti li hu diplomat u li hu mpjegat bħala rappreżentant tal-kummerċ għal Gvern ta' Malta. Qal li bejn l-1983 u l-2017 għex fil-Pakistan imma issa l-ġenituri tiegħu huma t-tnejn mejtin. Qal li missieru kien miet ftit sigħat wara li twieled hu u li ommu mietet meta kien għadu żgħir. Spjega li waqt l-interrogazzjoni l-avukat tiegħu beda jinterrompi lir-rikorrent u kellhom iwaqqfuh milli jagħmel dan minħabba li l-mistoqsijiet kienu qed jiġu mwieġba mill-avukat u mhux mir-rikorrent. Jgħid li r-rikorrenti qal li zijuh, bl-isem ta' Carded, kien irranġa biex jottjeni d-dokumenti għax kien għadu f'kuntatt mal-qabla, McDonald u l-istess ziju miet madwar l-2008, li hu l-istess żmien meta Ahmad Aziz ottjena ċ-ċertifikat tat-twelid. Jgħid li s-sitwazzjoni dehret konvenjenti ħafna. Jgħid li r-rikorrenti kien qal li l-firma fuq id-dikjarazzjoni tat-twelid kienet ta' kuġinuh Cardad. Jgħid li meta mistoqsi kif zijuh u kuġinuh kellhom l-istess isem, ir-rikorrent kien qal li mhumiex relatati iżda huwa komuni.

Jispjega li meta r-rikorrent ġie mistoqsi dwar il-passaport Amerikan tiegħu, innega li qatt kellu dan. Jgħid li spjegalu wkoll dwar l-ittri rogatorji. Jgħid li x-xhud kien qal li ta żewġ dokumenti lill-avukat Dr Joseph Pace, u ċioe` d-dikjarazzjoni tat-twelid u l-prokura. Jispjega li Ahmad Aziz kien qalilhom li kien fil-ħabs ġewwa l-Pakistan u li żewġ membri tal-MI6 kienu marru l-Pakistan u qalulu biex jirriżenja mill-kariga tiegħu ta' rappreżentant kummerċjali ta' Malta, ir-rikorrenti kien spjegalhom li l-MI6 u l-Gvern ta' Malta kienu ħbieb kbar.

Jgħid li nhar is-Sibt 5 ta' Mejju, Ahmad Aziz kien miġjub quddiem il-Qorti u akkużat b'disa' (9) kapi t'akkuża li kienu jinkludu frodi u falsifikazzjoni ta' dokumentazzjoni (liema akkuża ġiet esebita). Jispjega li l-proċeduri għadhom għaddejjin quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti inkwirenti u li l-prosekuzzjoni waslet sabiex tikkonkludi l-provi tagħha. Jgħid li tul dawn il-proċeduri l-prosekuzzjoni resqet diversi xhieda fosthom minn Identity Malta u l-espert tal-Qorti Joseph Mallia li xehed li l-kaligrafija ta' Ahmad Aziz kienet l-istess bħal dik ta' fuq id-dikjarazzjoni tat-twelid, il-persuni li jabitaw fid-dar fejn allegatament twieled, kif ukoll kien hemm żewġ ittri rogatorji mal-Istati Uniti u mal-Kanada fejn ir-risposti kienu fis-sens li lir-rikorrent ma jafuhx u m'għandhom l-ebda konnessjoni miegħu.

In kontro-eżami jgħid li ilu jinvestiga l-każ tar-rikorrent mill-2015 u li r-reġistrazzjoni tat-twelid tal-istess rikorrent f'Malta saret bejn l-2008 u l-2009.

Mistoqsi dwar il-fatt li f'xi ritratti tar-rikorrent mad-dinjitarji hemm preżenti wkoll il-Prim Ministru ta' dak iż-żmien, Dr Lawrence Gonzi, u l-Ministru tal-Affarijiet Barranin ta' dak iż-żmien, Dr Tonio Borg, jgħid li dan hu minnu minħabba li għal xi ftit xhur fl-2013, ir-rikorrent kellu kuntratt bħala *trade envoy* għal Malta, liema kuntratt ġie tterminat mill-Gvern il-ġdid fl-2013. Jikkonferma li għal ftit xhur fl-2013 kellu kuntratt sabiex jagħmel dak ix-xogħol. Jikkonferma li kien hemm ittra mibgħuta mill-Ministeru tal-Affarijiet Barranin li permezz tagħha l-ingaġġ tiegħu ġie tterminat. Mistoqsi jekk tkellimx ma' Dr Tonio Borg biex jara x'kien il-kundizzjonijiet t'impjieg tar-rikorrent, jgħid li hu investiga il-misrappreżentazzjoni u l-frodi li rriżultaw. Jgħid li hu kien qed jimmizrappreżenta lil Malta wara li nħarġitlu l-ittra li l-impjieg tiegħu kien ġie tterminat u baqa' jgħid li hu rappreżentant.

Mistoqsi dwar il-komunikazzjoni li kellha l-Pulizija Maltija mal-awtoritajiet Pakistani, jgħid li qatt ma kien hemm komunikazzjoni, jispjega li kienet intbagħtet ittra rogatorja lill-awtoritajiet Pakistani, liema ittra qatt ma ġiet imwieġba. Mistoqsi dwar jekk hux minnu li r-rikorrent kien infurmah li l-istess akkużi kienu nġiebu fil-konfront tar-rikorrent fil-Pakistan bejn l-2015 u l-2016, jgħid li kien urih dokument li kien assuma li kien ffalsifikat ukoll iżda ma kienx hemm konnessjoni mal-falsifikazzjoni tad-dokumenti relatati maċ-ċittadinanza tal-istess. Mistoqsi dwar l-akkużai ta' misrappreżentazjoni bħala *trade envoy* ta' Malta, jgħid li r-rikorrent kien qallu li hemm sentenza li mhix fil-fatt sentenza u kien arrestat għal tmienja u erbgħin (48) siegħa imma qatt ma nġieb quddiem il-Qorti u ma nħarġux akkużi fil-konfront tiegħu fil-Pakistan.

Mistoqsi dwar ir-raġuni għala qatt ma saret komunikazzjoni mal-Awtoritajiet Pakistani, jispjega li ma kienx hemm dokumenti li kien jeħtieġ jiġu skrutinizzati mill-awtoritajiet Pakistani. Jgħid li kienu saru verifiki mal-awtoritajiet Amerikani minħabba li kien preżenta passaport Amerikan u verifiki mal-awtoritajiet Kanadiżi minħabba li n-nazzjonalita tal-allegata qabla kienet Kanadiża.

Jgħid li sa fejn investigaw huma, Ahmad Aziz qatt ma nġiebu akkużi kontrieh fil-Pakistan fir-rigward ta' misrappreżentazzjoni. Jikkonferma li ma talbu l-ebda informazzjoni mill-Awtoritajiet Pakistani dwar dan. Jispjega li fl-esperjenza tiegħu, qatt ma ngħataw tweġiba mill-awtoritajiet Pakistani meta kien hemm il-bżonn u barra minn hekk l-akkuża preżentata mir-rikorrent kienet waħda ta' natura mhux serja mentri l-akkuża li nġiebet minnhom ma kinitx waħda ta' kontravenzjoni iżda ta' natura serjissima. Jikkonferma li l-informazzjoni kollha mitluba mill-awtoritajiet Amerikani u Kanadiżi kienet ingħatatilhom ftit ġimgħat ilu.

Jikkonferma li hu kien l-uffiċjal li wettaq l-interrogazzjoni tar-rikorrent. Jgħid li lir-rikorrent ingħatghulu d-drittijiet tiegħu kollha bil-miktub u kien preżenti wkoll l-avukat tar-rikorrent. Jgħid li fit-tieni interrogazzjoni reġgħu ingħatghulu d-drittijiet kollha u l-avukat ma kienx preżenti għax ma riedx jiġi għax ma kienx hemm bżonnu. Jgħid li kien mistoqsi ftit mistoqsijiet u mressaq il-Qorti fl-istess ġurnata.

Fl-affidavit tagħha, **Jessica Rita Galea**, fil-kapaċita' tagħha bħala *Head of* Unit tas-*Citizenship* Unit fi ħdan *Identity* Malta, tgħid li r-rikorrent issottometta l-applikazzjoni tiegħu għaċ-ċittadinanza Maltija permezz ta' *Dual Entry Form B* datata 2 ta' Settembru 2008. Tgħid li skont il-fajl bir-referenza CEA/NAT 667/2008 qatt ma

nħarġet *dual letter* lill-istess rikorrent. Tispjega li r-rikorrent kien għamel kuntatt mad-diviżjoni bl-emejl u talab informazzjoni dwar ir-reġistrazzjoni taż-żewġ uliedu minuri u taż-żwieġ tiegħu li seħħ barra minn Malta. Tgħid li mbagħad talab laqgħa, liema laqgħa ma ġietx organizzata minn naħa tad-diviżjoni. Tispjega li minħabba li hemm każ kriminali pendenti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fejn ir-rikorrent qed jiġi akkużat li lura fl-2007 ippreżenta dokumentazzjoni falza li turi li twieled f'Malta, id-diviżjoni ma ħarġitx notifika għar-reġistrazzjoni tat-twelid u ż-żwieġ tar-rikorrent u l-ittra tal-*Freedom of Movement* lil mara tal-istess rikorrent. Tgħid li l-ipproċessar tal-istess jiddependi mill-eżitu tal-kawża pendenti. Tispjega li sabiex jiġu pproċessati l-applikazzjonijiet pendenti jeħtieġ li l-ewwel jiġi determinat li xi ħadd mill-kopja/ġenituri huwa verament ċittadin Maltin. Jekk kemm -il darba dan jiġi kkonfermat, id-diviżjoni tipproċessa l-applikazzjonijiet.

In kontro-eżami tgħid li Ahmad Aziz mhuwiex ta' nazzjonalita` Maltija għax il-post tat-twelid ma jirriflettix in-nazzjonalita` tal-istess. Tispjega li bejn Settembru tal-1964 u Lulju tal-1989, kull persuna li titwieled f'Malta kellha dritt għaċ-ċittadinanza Maltija sakemm missierha ma kienx igawdi immunita` diplomatika u għalhekk kienet issir verifika f'dak ir-rigward. Tikkonferma li r-rikorrent għamel talba fit-2 ta' Settembru 2008 għaċ-ċittadinanza Maltija, liema talba ma ġietx ipproċessata minħabba allegazzjoni ta' dokumentazzjoni falza. Tikkonferma li jekk kemm -il darba ma tinħariġx konferma taċ-ċittadinanza Maltija mis-*citizenship unit*, din il-persuna ma tistax titqies bħala ċittadina Maltija u dan ai termini tal-artikolu 5 tal-Kap 188. Tispjega li l-applikazzjoni tar-rikorrent ma ġietx ipproċessata minħabba l-kawża kriminali pendenti. Mistoqsija għaliex l-applikazzjoni ma ġietx ipproċessata fl-2008 meta l-proċeduri bdew fl-2015, tgħid li hi ma kinitx taħdem fid-dipartiment f'dak iż-żmien. Mistoqsija dwar kif jekk kemm -il darba qatt ma ġie rikonoxxut bħala ċittadin Malti, għandu passaport Malti, tgħid li wieħed ikollu passaport Malti ma jfissirx li hu ċittadin Malti. Tgħid li l-applikazzjoni ma ġietx ipproċessata kemm ilhom li bdew il-proċeduri kriminali minħabba li ċ-ċittadinanza Maltija tingħata suġġett għall-interess pubbliku.

Mistoqsija f'ri-eżami dwar jirriżultax li l-ġenituri tar-rikorrenti humiex ċittadini Maltin, tgħid li le u hu talab iċ-ċittadinanza a bażi tal-fatt li twieled f'Malta. Tgħid li l-iktar dokument importanti f'dawn il-każijiet huwa ċ-ċertifikat tat-twelid li jrid jinkludi li l-post tat-twelid huwa Malta. Tgħid li jekk kemm -il darba jkun hemm allegazzjoni li tali dokument huwa falz, id-dipartiment jistenna l-eżitu li jiddetermina l-ġenwinita' ta' tali dokument. Tikkonferma li r-reġistrazzjoni ta' mart u ulied ir-rikorrent jiddependu fuq iċ-ċittadinanza tiegħu.

L-intimati ppreżentaw wkoll id-dokument immarkat bħala **DOK IM1** - li l-Qorti ħadet konjizzjoni tiegħu - li jikkonsisti fir-risposta li l-Kap Eżekuttiv tal-Aġenzija *Identity Malta* ppreżenta lil Ombudsman fuq ilment li kien għamel Ahmad Aziz, b'dokumenti annessi.

Fl-affidavit tiegħu, **Vincent Sladden** fil-kapaċita tiegħu ta' Direttur tar-Reġistru Pubbliku jgħid li r-rikorrent Ahmad Aziz kien, tramite ir-rappreżentant tiegħu Dr Joseph R Pace, ppreżenta applikazzjoni sabiex jiġi reġistrat it-twelid tiegħu mar-

Reġistru Pubbliku fit-22 ta' Novembru 2007 u fl-4 ta' Diċembru 2007. Jispjega li kienu ġew ippreżentati: id-Dikjarazzjoni tat-twelid maħrug mill-qabla Louise McDonald, kopja tal-passaport tar-rikorrent, l-att taż-żwieġ tal-ġenituri tiegħu u prokura favur Dr Joseph R Pace.

Jgħid li minn investigazzjonijiet li saru mill-Pulizija jirrizulta illi l-ewwel tlett dokumenti huma ffalsifikati, u mid-dehra saru mir-rikorrent innifsu, u f'dan ir-rigward hemm proċeduri kriminali pendenti.

Jispjega li m'hemm l-ebda evidenza li r-rikorrent xi darba mar fiżikament fl-uffiċji tal-istess reġistru, iżda elenka numru ta' dati li fihom ir-rikorrent għamel kuntatt bl-emejl. Jispjega li sabiex ir-Reġistru jippubblika in-notifikazzjoni tat-twelid barra minn Malta, jirrikjedi li jkun hemm prova taċ-ċittadinanza Maltija kif ukoll ic-certifikazzjoni tal-vera kopja taċ-ċertifikat oriġinali tat-twelid. Jispjega li sabiex jiġi reġistrat żwieġ jeħtieġ ikun hemm prova li wieħed mill-koppja hu ċittadin Malti kif ukoll kopja awtentikata taċ-ċertifikat taż-żwieġ. Jgħid li r-reġistru għadu ma pproċessax l-imsemmija applikazzjonijiet minħabba li r-rikorrent ma ssottomettiex prova suffiċjenti li turi li hu jew uliedu ċittadini Maltin. Jispjega li d-Direttur tar-Reġistru Publiku intavola proċeduri ċivili dwar dan quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fl-4 ta' Mejju 2018, kif ukoll proċeduri kriminali fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fil-5 ta' Mejju 2018. Jispjega li hu akkużat li ppreżenta dokumentazzjoni falza li turi li twieled f'Malta kif ukoll ta' falsifikazzjoni ta' strument publiku u awtentiku u li għamel dikjarazzjonijiet foloz, liema kawżi għadhom pendenti.

Jispjega li la darba jkun hemm deċiżjoni tal-Qorti fiż-żewġ proċeduri, ir-Reġistru Pubbliku ikun jista' jaġixxi skont l-imsemmija deċiżjonijiet.

Mistoqsi in kontro-eżami jgħid li minkejja l-kawżi pendenti, hu u d-dipartiment għamlu investigazzjonijiet taghhom u *background checks* li wassluhom għall-konklużjoni li d-dokumenti fuq elenkati huma foloz. Mistoqsi fejn jinsabu l-istess dokumenti, jgħid li l-oriġinali qeghdin jinżammu fl-arkivji tar-Reġistru Pubbliku. Mistoqsi jekk ġewx miġjuba quddiem il-Qorti, jgħid li kienu ġew esebiti u spezzjonati minn espert tal-Qorti quddiem il-Qorti Kriminali. Jispjega li fil-każ ta' l-Att ta' Twelid, ir-Reġistru dejjem jitlob ċertifikati oriġinali li jiġu miżmuma mill-istess Reġistru.

Mistoqsi f'liema punt persuna tiġi ddikjarata ċittadina Maltija jgħid li dak huwa l-kompitu tas-*citizenship unit*, u jispjega li dak li jagħmel ir-Reġistru Pubbliku hu li jitlob konferma mill-istess *citiżenship unit*. Jgħid li dan isir permezz ta' ittra jew ċertifikat. Jgħid li s-*citizenship unit* huwa dejjem il-konferma aħħarija. Mistoqsi jekk fir-rigward tar-rikorrent, ir-reġistru talabx *citizenship status*, jgħid li dan tista` tikkonfermah aħjar Dr Jessica Galea. Jispjega li sabiex wieħed jirreġistra ċertifikat fir-Reġistru Pubbliku jeħtieġ jippreżenta ċ-ċertifikati oriġinali kif ukoll konferma taċ-ċittadinanza li normalment tiġi mis-*Citizenship unit*, liema dokumenti r-reġistru ma rċeviex fil-każ tar-rikorrent. Jgħid li l-konferma taċ-ċittadinanza hija rikjesta mid-dipartiment taċ-ċittadinanza li jifforma parti mill-aġenzija Komunita` Malta. Jgħid li jekk ir-rikorrent għandu ċertifikat oriġinali taċ-ċittadinanza, ir-Reġistru Pubbliku jkun jista` jikkunsidra l-applikazzjoni tiegħu. Jikkonferma li huwa dejjem l-applikant li jrid jipprovdi l-istess ċertifikat. Mistoqsi jekk dan hux dejjem il-każ, jispjega li fil-każ ta' persuna ta' nazzjonalita` Maltija li trid tirreġistra ż-żwieġ barrani tagħha, huwa r-reġistru pubbliku li jitlob l-informazzjoni lis-*citizenship unit*, li minn naħa tiegħu joħroġ

*letter of citizenship*. Mistoqsi jekk ċittadin Malti hux rikjest li jkollu ċertifikat taċ-ċittadinanza, jgħid li le. Mistoqsi f'każ ta' ċittadin Maltin li jrid jirreġistra żwieġ li seħħ barra minn Malta ma persuna li mhix ċittadina Maltija hux meħtieġ iċ-ċertifikat ta' ċittadinanza, jgħid li iva. Jispjega li f'dak il-każ jista' jew iġib iċ-ċertifikat ċ-ċittadin innifsu jew jutilizza s-servizz tar-Reġistru Pubbliku li jikkomunika dirett mad-dipartiment ikkonċernat. Jgħid li fil-każ tar-rikorrent qatt ma rċevew dokumentazzjoni sabiex tiġi pproċessata l-applikazzjoni. Jgħid li d-dokumenti li huma allegatament foloz għandhom x'jaqsmu mal-Att ta' Twelid tar-rikorrent.

Mistoqsi f'ri-eżami x'kienu l-konklużjonijiet tal-espert tal-Qorti Joseph Mallia dwar id-dokumenti in kwistjoni, jgħid li l-konklużjoni kienet li d-dokumenti huma foloz. Jispjega li huma dokumenti foloz tal-oriġinali.

### Ikkunsidrat Ulterjorment:

Illi mis-**<u>sottomissjonijiet</u>** magħmula mill-partijiet, il-Qorti tislet is-segwenti:

Minn naħa tiegħu, ir-rikorrent primarjament jgħid li il-proċeduri ċivili fl-ismijiet **Director of the Public Registry vs Ahmad Aziz** ġew deċiżi fit-12 ta' Jannar 2023 fejn il-Qorti ddeċidiet li ċ-ċittadinanza tar-rikorrent hija valida u ma tistax tiġi revokata. (Il-Qorti tinnota li sa dakinhar li dik id-decizjoni ghanha tigi deciza mill-Qorti tal-Appell fil-granet li gejjin). In vista ta' dan u b'referenza għad-deċiżjonijiet tal-Qorti Ewropea fl-ismijiet **Marckx vs Belgium[2], Uner vs The Netherlands[3]** u **Ramadan vs Malta[4],** ir-rifjut tal-intimat li jirreġistra ż-żwieġ tar-rikorrent u li jagħti ċ-ċittadinanza Maltija lill-uliedu huwa ksur tad-drittijiet tiegħu kif sanċiti mill-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea.

Fir-rigward tal-lanjanza tar-rikorrent dwar dewmien esaġerat fil-proċeduri kriminali, isostni li din hi bbażżata fuq il-fatt li l-prosekuzzjoni damet wisq fil-proċeduri tistenna xhieda li talbet mill-Kanada. Jgħid li fil-mori tal-proċeduri odjerni l-proċeduri tkomplew u l-att t'akkuża kien ippreżentat fil-15 ta' Marzu 2021.

Fir-rigward tal-lanjanza bbażata fuq *ne bis in idem* jirreferi għall-proċeduri kriminali ċitati u għas-sentenza tal-Qorti ta' Lahore fil-Pakistan *a fol 12 tal-proċess* fejn ġie liberat mill-istess akkużi fil-Pakistan kontenuti fl-att t'akkuża ta' Malta. Jagħmel referenza għad-deċiżjoni tal-Qorti Ewropea fl-ismijiet **Franz Fischer v Austria[5]** dwar l-interpretazzjoni tal-Artikolu 4 tal-Protokoll nurmu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea.

### Ikkunsidrat Ulterjorment:

Illi minn naħa tagħhom l-intimati **l-Kap Eżekuttiv fi ħdan l-*Identity Malta* u l-Avukat tal-Istat** primarjament jiġbdu l-attenzjoni tal-Qorti għaż-żewġ proċeduri pendenti quddiem il-Qrati fl-ismijiet **Direttur tar-Reġistru Pubbliku vs. Ahmad Aziz**, numru 412/2018TA li tinsab quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (illim quddiem il-Qorti tal-Appell) u l-proċedura kriminali **Ir-Repubblika ta' Malta vs.**

[2] Deċiża fit-13 ta' Ġunju 1979
[3] Deċiża fit-18 ta' Ottubru 2006
[4] Deċiża fil-21 ta' Ġunju 2016
[5] Deċiża fid-29 ta' Mejju 2001

**Ahmad Aziz**, att t'akkuża numru 6/2021, li qiegħda quddiem il-Qorti Kriminali. Jispjegaw li dawn il-proċeduri huma naxxenti mill-fatt li rriżulta li Ahmad Aziz kien qed jagħmilha ta' *trade envoy* għal Malta ġewwa l-Pakistan wara li tali nomina ġiet imħassra u rtirata u meta l-Pulizija kienet qegħda tinvestiga dan, ġiethom suspett li l-istess rikorrent seta' ma kellux iċ-ċittadinanza Maltija jew li kien hemm xi irregolarita` fir-rigward, u wasslu għal konklużjoni li d-dokumenti ppreżentati lir-Reġistru Pubbliku kienu foloz u għalhekk ġie akkużat il-Qorti b'reati kriminali fuq ċitati li r-rikorrent mistenni jgħaddi ġuri dwarhom fix-xhur li ġejjin. Barra minn hekk, ġew ukoll intavolati l-proċeduri ċivili fuq ċitati sabiex l-att tat-twelid tal-istess rikorrent jiġi ddikjarat null abbażi tad-dokumentazzjoni falza. Jissottomettu li għalhekk, sakemm dawn il-proċeduri jiġu determinati, l-Aġenzija *Identity Malta* ħadet id-deċiżjoni li dik l-applikazzjoni li ssottometta ir-rikorrent tibqa` sospiża u ma tiġix ipproċessata għax l-istess proċeduri huma l-qofol ta' kollox. Jikkontendu li in vista tal-fatti, anke din il-proċedura hija imtappna, peress li hemm dubji kbar dwar jekk ir-rikorrent jistax jitwemmen jew le.

Isostnu li r-rikorrent ma jistax jinvoka vjolazzjoni tal-artikolu 8 sempliċiment għax l-Aġenzija *Identity Malta* għadha ma pproċessatx l-applikazzjoni sabiex jirreġistra lil uliedu u ż-żwieġ tiegħu u in sosten ta' dan jiċċita l-artikoli 14(1) u 19 tal-Kap 188 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll l-artikolu 8.1(b) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem. Jgħidu li l-intimata Aġenzija ma tistax taqbad u tirreġistra dak li qed jippretendi r-rikorrenti meta hemm allegazzjonijiet tant serji ta' falsifikazzjoni ta' dokumenti. F'dan ir-rigward jagħmlu referenza għas-sentenza ta' din il-Qorti, diversament preseduta fl-ismijiet **Tarek Mohamed Ibrahim Vs Viċi Prim' Ministru u Ministru għall-Ġustizzja u l-Intern u Direttur tad-Dipartiment taċ-Ċittadinanza u ta' l-Expatriates** deċiża fis-26 ta' Ġunju 2015.

Jissottomettu li l-għoti ta' Ċittadinanza Maltija mhux dritt Ċivili imma jaqa' taħt l-isfera tad-dritt pubbliku u ta' ordni pubblika. Jgħidu li l-prerogattiva tal-għoti ta' ċittadinanza Maltija hija esklussivament f'idejn il-Ministru responsabbli miċ-ċittadinanza, liema prerogattiva hija rikonoxxuta mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u dwar dan jirreferu għad-dokument intitolat **Pathways to citizenship for third country nationals in the EU Member States** - ppublikat fil-5 t'Awwissu 2019. Isostnu li kull stat membru fl-għoti taċ-ċittadinanza jrid dejjen iqis li l-għoti ta' ċittadinanza tfisser ukoll l-għoti tad-drittijiet ta' ċittadinanza tal-Unjoni Ewropea inkluż id-dritt ta' moviment ħieles. In sosten ta' dan jagħmlu referenza għad-deċiżjoni tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili deċiża fl-4 ta' Marzu 2021 fl-ismijiet **Enas Sobhy Zaky Ibrahim Attia vs Direttur taċ-Ċittadinanza u Ministru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali,** kif ukoll għal kawża fuq ċitata fl-ismijiet **Tarek Mohamed Ibrahim vs Viċi Prim' Ministru et.** Isostnu li dan japplika wkoll għal każ odjern u dana stante li minkejja li għad m'għadx hemm ir-rifjut taċ-ċittidaninza, hija l-prerogattiva tal-Istat li jiddeċiedi meta ċ-ċittadinanza għandha tingħata.

Illi fir-rigward tal-lanjanza tar-rikorrent rigward l-allegata *double jeopardy*, huma isostnu li din ma ġietx ippruvata. Jgħidu li l-prinċipji ġenerali li jirregolaw din il-materja ġew kristallizzati f'diversi sentenzi. F'dan ir-rigward, dwar l-artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni jagħmlu referenza għad-deċiżjoni ta' din il-Qorti, diversament preseduta, fl-ismijiet **Francis Vella vs Avukat Ġenerali** deċiża fid-29 ta' Settembru 2009, filwaqt li dwar l-artikolu 4 tas-Seba' Prokoll tal-Konvenzjoni Ewropea jirreferu

għad-deċiżjoni ta' din il-Qorti, diversament preseduta, fl-ismijiet **Il-Pulzija vs John Micallef** deċiża fit-28 ta' Frar 2007[6], kif ukoll għall-ktieb tal-awturi Harris, O'Boyle u Warbrik intitolat **Law of the European Convention on Human Rights.** Jgħidu li għalkemm ir-rikorrent preżenta dokument max-xhieda tiegħu li hu xi forma ta' deċiżjoni tal-Qorti tal-Pakistan, dan id-dokument waħdu ma jipprova bl-ebda mod li r-rikorrent għadda proċeduri kriminali fil-Pakistan dwar l-istess fatti li qed jiġi akkużat li wettaq f'Malta u barra minn hekk skont ix-xhieda tal-Ispettur Omar Zammit anke dak id-dokument huwa falz, u għalhekk lanqas din il-lanjanza ma tirriżulta.

Fir-rigward tal-lanjanza dwar l-allegat dewmien fil-kawża kriminali, huma jsostnu li ma huwiex kontestat li l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea jeżiġi bħala parti mill-kunċett ta' smiegħ xieraq li deċiżjonijiet li jkunu jinvolvu tilwimiet ta' natura ċivili u anke dawk ta' natura kriminali jiġu maqtugħa fi żmien raġonevoli. B'referenza għad-deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **Sydney Ellul Sullivan vs Kummissarju tal-Pulizija u l-Avukat Ġenerali** deċiża fit-28 ta' Jannar 2013, jgħidu li l-fatturi principali li għandhom jittieħdu in konsiderazzjoni sabiex jiġi determinat jekk is-smigħ ta' proċess eċċediex il-parametri tas-smigħ fi żmien raġonevoli huma l-komplessita tal-każ, l-aġir tal-partijiet fil-kawża, l-imġieba ta' min ikun qed iressaq l-ilment, s-sehem tal-awtorita jew awtoritajiet relevanti, liema fatturi iridu jitqiesu kumulattivament.[7] Oltre minn hekk, l-investigazzjoni dwar l-allegat dewmien trid issir f'termini wiesa li jħadnu ċ-ċirkostanzi kollha li fihom il-Qorti partikolari kellha topera fiż-żmien relattiv. Isostnu wkoll li ma hemm l-ebda *time limit* li jrid jiġi osservat fil-kors tal-ġustizzja għax inkella l-interessi tal-istess ġustizzja jiġu preġudikati. B'referenza għad-deċiżjoni tal-Qorti Ewropea **Eckle vs Germany** deċiża fit-18 ta' Mejju 1993, jgħidu li trid titqies ukoll l-imġieba proċesswali tal-partijiet fil-kawża u l-mod kif il-proċeduri ġew trattati u kondotti mill-awtorita` ġudizzjarja stess u b'hekk irid jiġi eżaminat l-iter proċesswali kollu. Isostnu li r-rikorrent ma ġab l-ebda provi tal-atti proċesswali quddiem il-Qorti Kriminali. Jgħidu li huwa fatt li l-proċeduri kriminali bdew fl-2018, pero1 sa llum l-prosekuzzjoni għalqet il-provi tagħha u hemm l-att t'akkuża numru 6/2021. Isostnu li trid titqies ukoll il-kumplessita` tal-investigazzjoni li wasslet biex il-Pulizija tixli lir-rikorrent b'akkużi serji u li meta jiġi kkunsidrat kollox ma kienx hemm dewmien irraġonevoli.

## Ikkunsidrat ulterjorment:

Illi stabbiliti il-fatti u magħmula s-sottomissjonijiet tal-partijiet għalhekk, il-Qorti sejra issa tgħaddi sabiex teżamina u tiddeċiedi dwar il-mertu tal-vertenza odjerna.

Iżda qabel tgħaddi sabiex teżamina u tiddeċiedi t-talbiet, il-Qorti tagħmilha ċara li in vista tal-proċeduri ċivili u kriminali li ghadhom pendenti, hi ser tkun qed tillimita ruħha għal sa fejn l-allegati lanjanzi tar-rikorrent setgħu waslu sabiex ġew miksura d-drittijiet fundamentali tiegħu u bl-ebda mod mhi ser tkun qed tippronunċja ruħha u/jew b'ebda mod iehor din is-sentenza ma ghandha tigi interpretata illi b'xi mod qed

[6] Kif ukoll **Il-Pulizija vs Joseph Zahra** deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) deċiża fil-11 ta' Diċembru 2006, **Pirttimaki v Finland** deċiża mill-Qorti Ewropea fl-10 ta' Mejju 2014, **Peter Montebello vs Kummissarju tal-Pulizija** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-12 ta' Frar 2016.

[7] **John A Said pro et noe vs Avukat Ġenerali** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fil-11 ta' Novembru 2011

tippreġudika l-proċeduri li huma ghadhom pendenti, fis-sens illi tidhol jew tirfes fuq il-gurisdizzjoni tal-Qrati fejn ghandhom pendenti dawk il-kawzi.

Il-Qorti tfakkar li l-proċeduri kostituzzjonali huma ta' natura straordinarja u li m'għandhomx jintużaw sabiex ixekklu l-awtoritajiet pubbliċi fix-xogħol taghhom u/jew l-amministrazzjoni tal-ġustizzja fi proċeduri ordinarji. Dan ma jfissirx li l-awtoritajiet pubbliċi għandhom ikollhom *mano libera* li jaġixxu kif iridu u dan jingħad ukoll mingħajr preġudizzju għad-drittijiet ta' kull individwu li jirrikorri għall-proċeduri kostituzzjonali fejn jemmen li d-drittijiet tiegħu qed jiġi mittiefsa, pero' din il-Qorti trid tagħmilha ċara li f'każijiet bħal dan odjern m'għandhiex u mhix ser tkun qed isservi bħala xi stanza t'appell f'nofs proċeduri ordinarji li b'xi mod tinfluwenza jew ixxekkel ix-xogħol tal-istess Qrati.

### L-Ewwel Talba

Fl-ewwel talba tiegħu, ir-rikorrent talab lil din il-Qorti tiddikjara li l-Kap Eżekuttiv fi ħdan l-Identity Malta kiser u/jew qed jikser d-dritt tiegħu għar-rispett għall-ħajja privata u familjari tiegħu kif sanċit mill-**artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea**, liema artikolu jgħid testwalment hekk:

> *(1) Kulħadd għandu d-dritt għar-rispett tal-ħajja privata tiegħu u tal-familja tiegħu, ta' daru u tal-korrispondenza tiegħu.*
>
> *(2) Ma għandux ikun hemm indħil minn awtorità pubblika dwar l-eżerċizzju ta' dan id-dritt ħlief dak li jkun skont il-liġi u li jkun meħtieġ f'soċjetà demokratika fl-interessi tas-sigurtà nazzjonali, sigurtà pubblika jew il-ġid ekonomiku tal-pajjiż, biex jiġi evitat id-diżordni jew l-egħmil ta' delitti, għall-protezzjoni tas-saħħa jew tal-morali, jew għall-protezzjoni tad-drittijiet u libertajiet ta' ħaddieħor.*

Il-Qorti tosserva li fil-każ odjern, il-lanjanza tar-rikorrent temerġi mill-fatt li l-Aġenzija *Identity Malta* <u>baqgħet ma rreġistratx it-twelid ta' ulied u ż-żwieġ tar-rikorrent f'Malta</u>. L-intimati jargumentaw li dan ma jistax isir minħabba l-fatt li ċ-ċittadinanza tar-rikorrent, li minnhom joħroġ id-dritt għar-reġistrazzjoni tat-twelid ta' ulied ir-rikorrent kif ukoll taż-żwieġ tiegħu, hija s-suġġett ta' proċeduri kriminali u ċivili fejn fl-ewwel każ qed jiġi allegat li r-rikorrent ipproduċa dokumentazzjoni falza sabiex jottjeni l-istess ċittadinanza u fit-tieni, id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku qed jitlob ir-revoka tal-Att tat-Twelid tar-rikorrent. Huwa fatt li ż-żewġ proċeduri għadhom *sub-judice* u fil-fatt fil-proċeduri kriminali, fil-mori tas-smigħ ta' din il-kawża, inħareġ ukoll Att t'Akkuża fil-konfront tar-rikorrent, mentri fil-proċeduri ċivili ingħatat sentenza fl-ewwel stanza li ġiet appellatta u qed tistenna li l-appell jiġi deciz.

B'hekk, il-Qorti tifhem li sa llum ma hemmx rifjut tal-applikazzjonijiet rispettivi tar-rikorrent fil-konfront ta' martu u uliedu iżda, kif ikkonfermat anke mix-xhieda, hemm waqfien fl-ipproċessar tal-istess applikazzjonijiet, sospensjoni, pendenti l-eżitu tal-proċeduri imsemmija. Isegwi għalhekk li għalkemm ma hemmx deċiżjoni finali dwar rifjut, ir-rikorrent xorta waħda huwa tal-fehma li qed jiġu vjolati d-drittijiet tiegħu

sanċiti mill-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja stante rifjut indirett minħabba n-nuqqas ta' proċessar.

Huwa stabbilit li r-rifjut ta' ċittadinanza jista' jaqa` fil-parametri tal-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea, iżda dan mhuwiex dritt bla limitu u filfatt fil-każ ta' **Genovese vs Malta[8],** il-Qorti Ewropea tenniet is-segwenti:

> *"...the Court has said that the denial of citizenship in the present case may raise an issue under this Article because of its impact on the private life of the applicant, which concept is wide enough to embrace aspects of his social identity.*
>
> *The Court, however, does not define social identity nor does it explain how citizenship defines the applicant's identity. The concept of private life is so vast that it embraces everything, even things pertaining to public law. Denial of citizenship always has an impact in a general way on any person, so this alone cannot be taken as the reason why social identity has been affected.*
>
> *In this particular case, the applicant produced no proof to show how this deprivation of Maltese citizenship has affected his private life and impacted on his social identity. This effect is being presumed and taken for granted by the Court. It is to be noted that the applicant was born in 1996 and his mother had already started proceedings in 1996 with the Malta High Commission. Constitutional proceedings started in Malta in 2006 when the applicant was nine years old. Nowhere in the proceedings was there any proof of or claim made as to how the applicant was affected.*
>
> *Therefore the facts in this case do not warrant the Court pushing this concept too far. "The jaws of Article 8 have already been opened wide enough".[1] There are limits on the personal sphere and while certain measures by the State can affect an individual from developing his personality, it does not mean that all these measures shall be considered as an interference with his private life. This is so in the present case."*

Il-Qorti tosserva b'mod partikolari dak li qalet l-istess Qorti Ewropea fid-deċiżjoni tagħha **S.H vs Poland[9]** u dan għax il-Qorti tqis li l-fattispeċi tal-każ jixbħu aktar dawk tal-każ odjern. F'dan il-każ, il-Qorti waslet għas-segwenti konklużjonijiet:

> *66. The first question to be determined by the Court is whether the refusal to recognise the legal parent-child relationship with the applicants' biological father and the ensuing refusal to confirm the acquisition of Polish citizenship by descent affected the applicants private life thus rendering Article 8 applicable.*
>
> *67. In order to answer that question, the Court considers it appropriate to employ a consequence-based approach and to examine whether the impugned decisions had sufficiently serious negative*

[8] Deċiża fil-11 t'Ottubru 2011
[9] Deċiża fis-16 ta' Novembru 2021

*consequences for the applicants (compare Denisov, §§ 107-109, and Usmanov §§ 59-62, both cited above). It is further for the applicants to show convincingly that the threshold was attained in their case (see Denisov, cited above, § 116).*

68. *The applicants contended that they were Polish Jews whose family members had been killed in the Holocaust and that this heritage was extremely important to them. Allegedly, due to Israel's difficult geopolitical situation, the family were considering moving to Europe (see paragraph 58 above).* ***However, the Court has not been provided with any specific information or details about the family's plans to relocate to Poland and it does not appear that such a move was imminent.*** *Whatever the degree of potential risk to the applicants' family or private life, the Court considers that it must determine the issue having regard to the practical obstacles which they have had to overcome on account of the lack of recognition in Poland of the legal parent-child relationship between the applicants and their legal parents (see Mennesson, cited above, § 92).*

69. ***As regards the direct consequences of the refusal to confirm the acquisition of Polish citizenship, the Court observes that the applicants have never lived in Poland.*** *Since birth they have been living in Israel as a family unit with their intended parents. They already have dual US/Israeli citizenship and the domestic decisions did not render them stateless (compare Ramadan, cited above, § 92, and Ahmadov v. Azerbaijan, no. 32538/10, § 46, 30 January 2020). In addition, they have not alerted the Court to any negative consequences or practical difficulties which they might encounter in their chosen country of residence, resulting from the Polish courts' refusal to confirm the acquisition of Polish citizenship.*

70. ***Furthermore, in the circumstances of this case the Court notes that the applicants can benefit, in the State where they live, from the legal parent-child relationship with their biological father where the recognition of that relationship is not put into doubt. Moreover, it cannot be said that the decisions of the Polish authorities left them in a legal vacuum both as to their citizenship and as to the recognition of the legal parent-child relationship with their biological father*** *(see, conversely, Orlandi and Others v. Italy, nos. 26431/12 and 3 others, § 209, 14 December 2017).*

71. *In that connection, the present case must be clearly distinguished from Mennesson and Labassee. The Court reiterates that in the above-mentioned case it expressly held that a lack of possibility of recognition of the legal relationship between a child born via surrogacy abroad and the intended father, where he was the biological father, entailed a violation of the child's right to respect for his or her private life (see Mennesson, §§ 100-01, and Labassee, § 79, both cited above).* ***In the present case it is true that the Polish authorities refused to give effect to the foreign birth certificates***

***establishing the legal parent-child relationship between the applicants and their biological father, Mr S. However, this link is recognised in the country where the family resides.***

72. *Moreover, as pointed out by the Government, pursuant to the 2004 Directive (see paragraph 48, 49 and 54 above) the applicants, as family members of an EU citizen, are entitled to free movement within the EU and enjoy the right to move and reside in the territory of another Member State.*

73. *The Court is mindful that the domestic decisions have clearly had some repercussions on the applicants' personal identity. In addition, on a more practical level, as the situation stands to date, the applicants must have experienced some obstacles resulting from the fact that they do not have Polish (and consequently European) citizenship (compare Wagner and J.M.W.L. v. Luxembourg, no. 76240/01, § 156, 28 June 2007). Nevertheless, it does not appear that the negative effect which the impugned decisions had on the applicants' private life crossed the threshold of seriousness for an issue to be raised under Article 8 of the Convention.* ***Moreover, the applicants did not set forth, either to the Court or in the domestic proceedings, any other specific personal circumstances indicating that these decisions had had a serious impact on their private life.***

74. *In so far as the applicants specifically alleged that the domestic decisions had also affected their family life, the Court observes that these arguments are in principle the same as those submitted in relation to the complaint concerning respect for their "private life". The applicants saw a link between the domestic authorities' refusal to give effect to their foreign birth certificates and their right to respect for their family life. The Court does not accept their contentions.* ***Even taking into account their complaint that the domestic authorities determined de novo their legal parentage in accordance with the principles of Polish family law, considering that they do not live in Poland, the Court is unable to find any factual basis for concluding that there has been an interference with the right to respect for family life in the present case****.*

75. *Furthermore, the Court observes that it does not appear that so far the family has had to overcome any practical obstacles on account of the Polish authorities' decisions (compare Mennesson, §§ 87-95, and Labassee, §§ 66-73, both cited above, and Valdís Fjölnisdóttir and Others v. Iceland no 71552/17, § 75, 18 May 2021).* ***Most importantly, since the applicants' family resides in Israel, the inability to obtain confirmation of acquisition of Polish citizenship has not prevented them from enjoying, in the country where they live, their right to respect for their family life. The applicants and their intended parents all have Israeli citizenship, and their legal relationship is recognised in Israel. It does not appear that the fact that the applicants are not***

***recognised as Polish citizens would have any bearing on their family life, for example in the event of their intended parents' death or separation. Thus, any potential risk to their family life should be regarded in this particular case as purely speculative and hypothetical and could only possibly materialise if they took up residence in Poland.***

*76. In view of the above considerations, the Court finds that Article 8 of the Convention is not applicable. The Government's objection in this regard should therefore be upheld*

Applikat dan l-insenjament għall-każ odjern, jirriżulta li fl-ebda punt f'dawn il-proċeduri ma ġie ppruvat li r-rikorrent kellu l-pjan jew ix-xewqa li hu u l-familja tiegħu jirrilokaw għal Malta. Jirriżulta wkoll li fil-fatt ir-rikorrent lanqas biss kien ġie Malta meta applika sabiex jiġi rikonoxxut bħala ċittadin Malti, iżda ta prokura lil terza persuna. Ukoll ma nġiebet ebda prova li qatt fil-fatt stabilixxa residenza hawn Malta, la waħdu u lanqas ma familtu. Fil-fatt meta r-rikorrent ġie Malta fl-2018, hu ġie waħdu u mhux akkumpanjat minn familtu. Jirriżulta wkoll li ma kien jeżisti l-ebda ostakolu sabiex ir-rikorrent jibqa' jgawdi l-ħajja familjari tiegħu ġewwa l-Pakistan fejn kien rikonoxxut kemm bħala r-raġel ta' martu u kemm missier uliedu.

B'hekk ma jistax jingħad li d-dewmien fl-ipproċessar tal-applikazzjonijiet in kwistjoni b'xi mod ippreġudikaw il-ħajja familjari li r-rikorrent kien igawdi ma familtu fil-Pakistan, u lanqas ma jista' jingħad li b'xi mod ħarrbtu l-istess ħajja tal-familja li kienet qed tippjana li fil-futur tirrisjedi f'Malta, għax mix-xhieda ma jemerġi li kien hemm l-ebda pjan ta' din in-natura, anzi ibbażżat fuq it-teżi tar-rikorrent li allegatament kien għadu jokkupa l-kariga ta' *trade envoy* fil-Pakistan, jirriżulta allura li l-ħsieb tar-rikorrent kien li jibqa' jabita ma' familtu ġewwa l-Pakistan sabiex ikun jista` jkompli fl-impjieg tiegħu.

Oltre` minn hekk, din il-Qorti ma tistax ma tikkunsidrax ir-raġunijiet tal-aġenzija *Identity Malta* li dwarhom waqfet milli tipproċessa l-applikazzjonijiet in kwistjoni. Jirriżulta b'mod ampjament ċar mix-xhieda prodotta illi l-applikazzjonijiet baqgħu pendenti minħabba l-proċeduri ċivili u kriminali li ghadhom pendenti. B'hekk l-aġenzija ma ħadet l-ebda deċiżjoni u f'dan ir-rigward u din il-Qorti hi tal-fehma li kien sewwa illi fid-dawl ta' tali proceduri legali, l-applilkazzjonijiet kienu sospizi.

Din il-Qorti tqis li l-aġir tal-aġenzija kien wieħed korrett u fl-interess pubbliku, għax wara kollox huwa l-obbligu tal-istess aġenzija li tassikura li ħadd ma jingħata ċittadinanza Maltija li mhix mistħoqqa u li ma jsir l-ebda abbuż f'dan ir-rigward, liema deċiżjonijiet jista' jkollhom effett mhux biss fuq l-Istat Malti iżda fuq kull stat membru tal-Unjoni Ewropea. Fuq kollox ma hemmx rifjut tal-applikazzjoni tar-rikorrenti, hemm biss sospensjoni tal-evalwar tal-applikazzjonijiet ghal ragunijiet li l-Qorti tqis giusti – ossia proceduri legali li jistghu jincidu direttament fuq d-determinazzjonijiet tal-applikazzjoni tieghu. Isegwi għalhekk li l-aġir jew in-nuqqas tiegħu da parti tal-intimati ma jammontax għal vjolazzjoni tal-Artikolu 8 tal-Kovenzjoni Ewropea.

**Għalhekk, in vista tar-raġunijiet fuq esposti, din il-Qorti tqis li ma tirriżulta l-ebda vjolazzjoni tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea.**

### It-tieni talba

Fit-tieni talba tiegħu, ir-rikorrent talab lil din il-Qorti tiddikjara li qed jiġi pproċessat kriminalment b'akkużi li diġa` ġew determinati u deċiżi definittivament minn Qorti kompetenti u dan bi ksur tad-drittijiet tiegħu kif sanċiti minn l-artikolu **39(9) tal-Kostituzzjoni ta' Malta** li jgħid testwalment hekk:

> *(9) Ebda persuna li turi li tkun għaddiet proċeduri quddiem xiqorti kompetenti għal reat kriminali u jew tkun ġiet misjuba ħatja jew liberata ma għandha terġa' tgħaddi proċeduri għal dak ir-reat jew għal xi reat kriminali ieħor li għalih setgħat tiġi misjuba ħatja fil-proċeduri għal dak ir-reat ħlief wara ordni ta' qorti superjuri mogħti matul il-kors ta' appell jew proċeduri ta' reviżjoni dwar id-dikjarazzjoni ta' ħtija jew liberazzjoni; u ebda persuna ma għandha tgħaddi proċeduri għal reat kriminali jekk turi li tkun ħadet il-maħfra għal dak ir-reat:*
>
> *Iżda ebda ħaġa f'xi liġi ma għandha titqies li tkun inkonsistenti ma' jew bi ksur ta' dan is-subartikolu minħabba biss li tawtorizza xi qorti li tagħmel proċeduri kontra membru ta' korp dixxiplinat għal reat kriminali nonostanti kull proċeduri u dikjarazzjoni ta' ħtija jew liberazzjoni ta' dak il-membru skont il-liġi dixxiplinarja ta' dak il-korp, imma hekk illi kull qorti li tkun hekk tiġġudika dak il-membru u li hekk issibu ħati għandha meta tikkundannah għal xi piena tieħu kont ta' kull piena mogħtija lilu skont dik il-liġi dixxiplinarja.*

F'dan ir-rigward, ir-rikorrent ippreżenta lil din il-Qorti kopja ta' deċiżjoni tal-Qorti ta' Lahore fil-Pakistan (a fol 12 tal-proċess), liema deċiżjoni fix-xhieda tiegħu l-Ispettur Omar Zammit jallega li tikkonsisti wkoll f'dokument falsifikat. Din il-Qorti kienet tippretendi li fiċ-ċirkostanzi l-partijiet kollha setgħu pproduċew provi aħjar, bħal per eżempju, kienet tippretendi li r-rikorrent iġib prova aħjar tal-awtentiċita` tad-dokument in kwistjoni jew l-assistenza ta' espert ex-parte tal-liġi Pakistana, mentri mill-banda l-oħra kienet tippretendi li l-allegazzjoni tax-xhud imsemmi tal-intimati kienet tkun sostanzjata b'pariri t'esperti f'dan ir-rigward.

Minkejja dan, din il-Qorti tirreferi għall-insenjament ta' din il-Qorti, diversament preseduta, fl-ismijiet **Anthony P Farrugia vs L-Onorevoli Prim Ministru et** deċiża fil-5 t'April 2016, fejn il-Qorti qalet is-segwenti:

> *"Illi l-artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni jipprovdi dwar id-dritt li l-ebda persuna li tkun għaddiet minn proċediment quddiem Qorti kompetenti dwar reat kriminali (sew jekk tkun inħelset mill-akkuża u sew jekk tkun instabet ħatja) ma tista' terġa' titressaq mixlija fi proċeduri oħrajn dwar dak ir-reat jew xi reat ieħor li għalih setgħet instabet ħatja fl-ewwel proċediment, għajr fuq ordni ta' Qorti ogħla mogħti matul il-kors ta' appell jew proċedura ta' reviżjoni tal-ewwel proċess. L-istess artikolu jrid ukoll li ħadd ma jitressaq mixli dwar reat kriminali li tiegħu dik il-persuna tkun diġa' ngħatat*

*maħfra. Tali prinċipju jsib ix-xbieha tiegħu ukoll fil-Kodiċi Kriminali, fil-każ fejn persuna mixlija tinħeles mill-akkużi mressqin kontriha[10];*

*Illi huwa stabbilit[11] li l-prinċipju tan-ne bis in idem imħares fl-artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni jimplika li persuna li tkun għaddiet minn proċess dwar reat, ma għandha qatt terġa' tgħaddi minn proċess ieħor dwar tali reat jew dwar reati oħra li setgħet tinstab ħatja dwarhom f'dak l-ewwel proċess. Dan il-prinċipju jidher li huwa l-verżjoni tad-dritt penali ta' dak il-prinċipju l-ieħor tar-res judicata li jikkostitwixxi eċċezzjoni perentorja tal-ġudizzju fil-qasam tal-proċedura ċivili;*

*Illi, kif ingħad, dan is-sub-artikolu fil-Kostituzzjoni jagħti ħarsien usa' lill-persuna mixlija minn dak mogħti mill-artikolu 527 tal-Kodiċi Kriminali, sewwasew għaliex jgħolli l-eċċezzjoni tan-ne bis in idem għal-livell ta' garanzija kostituzzjonali bil-konsegwenza li persuna li jkollha dan il-jedd mhedded jew attwalment miksur quddiem qorti kriminali għandha l-jedd tirrikorri għall-protezzjoni quddiem qorti ta' xejra kostituzzjonali. Iżda dak l-artikolu tal-Kostituzzjoni huwa mliġġem b'eċċezzjoni (li f'dan il-każ tal-lum mhijiex rilevanti) li ma tinsabx fid-dispożizzjoni korrispondenti tal-Konvenzjoni;*

***Illi, minbarra dan, l-istħarriġ tal-allegazzjoni imqanqla minn parti mixlija b'reat li dik il-proċedura hija ripetizzjoni ta' proċedura bħalha li diġa' kienet ittieħdet kontriha għall-istess reat għandu jsir mill-Qorti li quddiemha titqanqal l-imsemmija eċċezzjoni. Sakemm dan isir u l-fatt li dan isir, huwa meqjus bħala stadju proċedurali li jżomm milli jseħħ ksur tal-artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni**.[12]"*

Applikat dan l-insenjament għal każ odjern, jirriżulta li l-proċeduri kriminali vis-a-vis ir-rikorrent għadhom pendenti u llum jikkonsistu fil-proċedura fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ahmad Aziz** – att t'akkuża numru 6/2021. Jirriżulta għalhekk li r-rikorrent għandu rimedju ordinarju fil-preżent li jagħmel l-eċċezzjoni tiegħu quddiem l-Qorti Kriminali ai termini tal-artikolu 527 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Hija dik il-Qorti (u l-Qorti tal-Appell Kriminali warajha, jekk ikun il-każ) li għandha l-kompetenza u l-ġurisdizzjoni li tagħmel l-indaġini rikjesta mil-liġi u tiddeċiedi dwar jekk tirriżultax jew le d-*double jeopardy* allegata mir-rikorrent. Fl-assenza ta' dan, din il-Qorti tkun proċeduralment skorretta li tagħmel hi l-indaġini u tiddeċiedi dwar dan u dana stante li tali vjolazzjoni tista' titqajjem biss quddiem Qorti ta' kompetenza Kostituzzjonali wara li tkun diġa` tqajmet u ġiet deċiża mill-Qrati Ordinarji, iżda din il-Qorti ma` tista bl-ebda mod tippronunċja ruħha qabel ma tkun tat iċ-ċans li dik l-indaġini ssir.

Dwar dan fis-sentenza ta' din il-Qorti, diversament preseduta, fl-ismijiet **John Gauci vs Il-Kummissarju tat-Taxxi Interni**, deċiża fl-10 ta' Mejju 1990 fejn il-Qorti qalet is-segwenti:

[10] Art. 527 tal-Kap 9

[11] Kost. 4.8.1999 fil-kawża fl-ismijiet Fenech vs Avukat Ġenerali (Kollez. Vol: LXXXIII.i.213)

[12] P.A. (Kost) 10.5.1990 fil-kawża fl-ismijiet Gauċi vs Kummissraju tat-Taxxi Interni et (Kollez. Vol: LXXIV.iii.525)

*"Illi l-eċċezzjoni tar-res judicata hija waħda li tiġi mistħarrġa u deċiża mill-qorti li quddiemha tkun ingħata, u wara, jekk ikun il-każ, mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali; dana kollu joħroġ mill-ħafna disposizzjonijiet li jikkontjenu l-Kodiċi Kriminali li jikkonċernaw l-istess soġġett;*

*Jispetta għalhekk lill-Qorti Kriminali tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Gżira ta' Malta, li quddiemha qiegħed jiġi imputat bir-reati msemmija l-istess John Gauci, li tara, fil-każ li hekk ikunu juru l-provi quddiemha, illi huwa ma jkomplix jiġi espost għal darb'oħra għal proċeduri kriminali inizjata kontra tiegħu għal dawk ir-reati, billi tiddikjara illi l-azzjoni kriminali ma tistax iżjed issir minħabba l-ostaklu tal-ġudikat u b'hekk tippronunzja ruħha faverevolment għat-teżi ta' l-imputat. Dana l-eżerċizzju jirrikjedi proċess ta' indaġni li neċessarjament irid isir quddiem dik il-Qorti fl-ewwel lok u quddiem ebda qorti oħra. Jekk dik il-Qorti tasal biex tilqa' din l-eċċezzjoni ta' l-imputat, l-effett immedjat tagħha jkun (salv każ ta' appell) illi l-proċeduri kriminali ġa mibdija kontra tiegħu ma jkomplux jimxu;*

*B'dana il-mod id-dritt li l-imputat għandu taħt l-artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni ta' Malta jkun qiegħed jiġi vindikat;*

*Illi l-indaġini fiha nnifisha ta' din ix-xorta ssir mill-Qorti li tkun qiegħda tistħarreġ dwar l-eċċezzjoni u dwar dawk il-punti kollha ta' natura legali jew fattwali li jkunu involuti, sabiex jiġi salvagwardat u mhux negat id-dritt li kull min ikun qiegħed jiffaċċja proċeduri kriminali għandu taħt il-provvediment imsemmi tal-Kostituzzjoni ta' Malta;*

*In-negazzjoni ta' dana id-dritt, għall-kuntrarju, tista' tissussiti biss jekk wara li tkun ġiet ippronunzjata sentenza finali li fiha jkun ġie ddikjarat li l-akkużat ġa għadda proċeduri kriminali għal dak l-istess reat quddiem qorti kompetenti, huwa jerġa' jiġi espost għal proċeduri oħra ta' din ix-xorta dwar dak l-istess reat li għalih huwa ġa ġie mijsub ħati jew li minnu ġa ġie misjub ħati taħt l-ewwel akkuża;*

*Kollox insomma jiddependi mir-riżultat ta' l-indaġini li ssir mill-qorti dwar il-punt jekk it-tieni akkuża tkunx skond il-liġi tikkonċena jew le l-istess reat li għalih l-imputat ikun ġa ġie ġudikat jew li għalih, taħt l-ewwel akkuża, seta' jiġi misjub ħati. Indaġini ta' din ix-xorta, intiża sabiex ma jkunx hemm duplikazzjoni ta' proċediment għal reat wieħed, ma tista' qatt, fil-fehma tal-Qorti, tikkostitwixxi vjolazzjoni tad-disposizzjoni ta' l-artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni ta' Malta; u l-Qorti Kriminali tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Gżira ta' Malta li quddiemha jinstabu l-imputazzjonijiet imsemmija proprju dik il-kwalita ta' indaġini hija mistennija li tagħmel u sejra tagħmel qabel biss ma tiġi biex tibda tidħol fil-mertu tal-kwistjoni jekk l-imputat Gauci huwiex ħati jew le għall-imputazzjonijiet tar-reati li sarulu;"*

**Għalhekk din il-Qorti, għar-raġunijiet fuq esposti, ma ssib l-ebda vjolazzjoni tal-artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni ta' Malta.**

## It-Tielet Talba

Permezz tat-tielet talba tiegħu, ir-rikorrent talab lil din il-Qorti tiddikjara li r-rikorrent mhux qed jiġi mogħti smiegħ xieraq bi ksur tal-artiklu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u dana stante d-dewmien fil-proċeduri.

L-**artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni**, jipprovdi s-segwenti:

> ***39***.*(1) Kull meta xi ħadd ikun akkużat b'reat kriminali huwa għandu, kemm-il darba l-akkuża ma tiġix irtirata, jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi.*

L-**artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea** jgħid testwalment hekk:

> *(1) Fid-deċiżjoni tad-drittijiet ċivili u tal-obbligi tiegħu jew ta' xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kulħadd huwa ntitolat għalsmigħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunalindipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi. Is-sentenza għandhatingħata pubblikament iżda l-istampa u l-pubbliku jista' jiġi esklużmill-proċeduri kollha jew minn parti minnhom fl-interess tal-morali, tal-ordni pubbliku jew tas-sigurtà nazzjonali f'soċjetàdemokratika, meta l-interessi tal-minuri jew il-protezzjoni tal-ħajjaprivata tal-partijiet hekk teħtieġ, jew safejn ikun rigorożamentmeħtieġ fil-fehma tal-qorti f'ċirkostanzi speċjali meta l-pubbliċitàtista' tippreġudika l-interessi tal-ġustizzja.*
>
> *(2) Kull min ikun akkużat b'reat kriminali għandu jiġi meqjusli jkun innoċenti sakemm ma jiġix pruvat ħati skont il-liġi.*
>
> *(3) Kull min ikun akkużat b'reat kriminali għandu d-drittijietminimi li ġejjin:*
>
> *(a) li jkun infurmat minnufih, b'lingwa li jifhem u bid-dettal, dwar in-natura u r-raġuni tal-akkuża kontratiegħu;*
> *(b) li jkollu żmien u faċilitajiet xierqa għall-preparazzjonitad-difiża tiegħu;*
> *(ċ) li jiddefendi ruħu persunalment jew permezz ta'assistenza legali magħżula minnu stess jew, jekk majkollux mezzi biżżejjed li jħallas l-assistenza legali,din għandha tingħata lilu b'xejn meta l-interessi tal-ġustizzja jeħtieġu hekk;*
> *(d) li jeżamina jew li jara li jiġu eżaminati xhieda kontratiegħu u li jottjeni l-attendenza u l-eżami ta' xhiedafavur tiegħu taħt l-istess kundizzjonijiet bħax-xhiedakontra tiegħu;*
> *(e) li jkollu assistenza b'xejn ta' interpretu jekk ma jkunx jifhem jew jitkellem il-lingwa użata fil-qorti.*

Fis-sottomissjonijiet tiegħu, ir-rikorrent jagħmel referenza għal din il-lanjanza u jissottometti li f'dan ir-rigward inħareġ l-Att t'Akkuża fil-15 ta' Marzu 2021. Il-Qorti tifhem li l-lanjanza prinċipali tar-rikorrent kienet tikkonċerna l-fatt li għal xi żmien, il-każ kien differit *sine die*. Il-Qorti tifhem li dan l-istat ta' *sine die* kien bejn Frar u Settembru tas-sena 2020, meta l-prosekuzzjoni kienet qed tistenna xi dokumentazzjoni mill-Kanada sabiex tkun tista' tipproċedi.

Il-Qorti tosserva dak li qalet il-Qorti Ewropea fid-deċiżjoni tagħha fl-ismijiet **Boddaert v Belgim** deċiża fit-22 ta' Settembru 1992, fejn il-Qorti qalet is-segwenti:

> *36. The reasonableness of the length of proceedings is to be determined with reference to the criteria laid down in the Court's case-law and in the light of the circumstances of the case, which in this instance call for an overall assessment.*
>
> *-Ommissis-*
>
> *39. Article 6 (art. 6) commands that judicial proceedings be expeditious, but it also lays down the more general principle of the proper administration of justice. In the circumstances of the case, the conduct of the authorities was consistent with the fair balance which has to be struck between the various aspects of this fundamental requirement.*
>
> *40. In conclusion, the Court finds no violation of Article 6 para. 1 (art. 6-1).*

Il-Qorti tinnota, li għajr għal ftit kopji ta' verbali, ir-rikorrent ma ressaq ebda prova sabiex jissustanzja l-lanjanza tiegħu. Wieħed kien jistenna, fost l-oħrajn, li tiġi ppreżentata kopja legali tal-istess proċess. Iżda minn dan ma kien hemm xejn, anzi fis-sottomissjonijiet tiegħu r-rikorrent donnu implika li la darba ħareġ l-att t'akkuża m'għadx hemm vjolazzjoni tal-istess drittijiet.

Fl-assenza tal-prova tad-dewmien, u bbażat biss fuq il-provi li ġew imressqa fil-mori ta' dawn il-proċeduri, kemm mir-rikorrent u kemm mill-intimat, il-Qorti tifhem li d-dewmien prinċipali fil-kumpilazzjoni *de quo* irriżulta mill-komunikazzjoni li l-prosekuzzjoni kien jeħtieġ li tagħmel mal-awtoritajiet Amerikani u Kanadiżi. Jirriżulta wkoll mill-kontro-eżami tal-Ispettur Omar Zammit li r-rikorrent kellu pretensjoni wkoll li l-prosekuzzjoni tagħmel kuntatt mal-awtoritajiet Pakistani, liema komunikazzjoni ma saritx għax fl-esperjenza tal-istess Spettur kienet tkun inutli għax ma jkunx hemm tweġiba. B'hekk il-Qorti tifhem li r-rikorrent donnu jimplika li għalkemm ħass li d-drittijiet tiegħu kif sanċiti mill-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u mill-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ġew vjolati minħabba d-dewmien, iżda fl-istess ħin kien jippretendi proċedura li kienet isservi biss biex tikkawża aktar dewmien.

In vista tal-investigazzjoni li l-Qorti tifhem li saret, li kienet tinvolvi komunikazzjoni ma' pajjiżi li jinsabu saħansitra barra mill-Unjoni Ewropea, u dwar materja li seħħet żmien ilu (partikolarment mal-awtoritajiet Kanadiżi), il-Qorti ma tqisx esaġerat il-perjodu li għadda minn meta tressaq l-ewwel darba quddiem il-Qorti r-rikorrent sa meta nħareġ l-att t'akkuża, u ċioe inqas minn sentejn. Oltre minn hekk, fil-maġġor parti ta' dan il-perjodu r-rikorrent kien jinsab fuq bail u għalkemm hu donnu jimplika li f'dan il-perjodu ġie mċaħħad minn familtu għax ma setax isiefer, ma kien hemm xejn xi jżomm lill-familja tar-rikorrent milli jiġu f'Malta. Lanqas ma ngiebet prova illi huwa ghamel xi talbiet lill-Qorti biex jinghata permess isiefer u jzur lil qrabatu.

**Għalhekk din il-Qorti, għar-raġunijiet fuq esposti ma tqisx li kien hemm dewmien irraġjonevoli fil-proċeduri kriminali u, konsegwentament, ma ssib**

**l-ebda vjolazzjoni tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea.**

**Ir-raba` talba**

Permezz tar-raba` talba tiegħu, ir-rikorrent talab lil din il-Qorti tiddikjara lill-intimati jew minn minnhom responsabbli għal-lanjanzi sofferti mir-rikorrent.

**La darba din il-Qorti ma sabitx li hemm lanjanzi sofferti mir-rikorrent, din il-Qorti ser tichad din it-talba.**

**Il-ħames talba**

Finalment, permezz tal-ħames talba tiegħu, r-rikorrent talab lil din il-Qorti tagħti dawk l-ordnijiet, direttivi u rimedji effettivi u xierqa lir-rikorrent, u jekk ikun il-każ tordna lill-intimati iħallsu lir-rikorrent kumpens xieraq.

**Ukoll, la darba din il-Qorti ma sabitx li hemm lanjanzi sofferti mir-rikorrent, din il-Qorti ser tichad din it-talba.**

**<u>DECIDE</u>**

**Għaldaqstant, il-Qorti, maghmula dawn il-konsiderazzjonijiet, qed tghaddi biex taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-eccezzjonijiet tal-intimati u tichad it-talbiet tar-rikorrenti.**

**Bl-ispejjes tal-kawza illi ghandhom jitħallsu mir-rikorrent.**

**Onor. Ian Spiteri Bailey**
**Imħallef**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Registratur**